# Iż-Żgħożija FI ŻMIEN IL-COVID-19

## ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN U L-INSEGWIMENT KREATTIV TAGĦHOM



Pubblikazzjoni ta' Aġenzija Żgħażagħ

# Iż-Żgħożija

## FI ŻMIEN IL-COVID-19

ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN
U L-INSEGWIMENT
KREATTIV TAGĦHOM



© Aġenzija Żgħażagħ

**Ippublikat minn**
Aġenzija Żgħażagħ
St Joseph High Road
St Venera SVR 1013, Malta

**Tel:** 00356 2258 6700
**Email:** agenzija.zghazagh@gov.mt
**Website:** youth.gov.mt

**ISBN:** 978-9918-9507-0-6 / Lulju 2020

**Ritratti:** Provduti mill-parteċipanti (xi wħud meħuda qabel il-Covid-19)
**Disinn:** Aġenzija Żgħażagħ

*Dan huwa ż-żmien propizju biex l-artisti jibdew xogħolhom. M'hemmx ħin biex niddispraw, M'hemmx lok biex nitħassru lilna nfusna, m'hemmx bżonn ta' silenzju, ebda post għall-biża'. Nitkellmu, niktbu, nużaw il-lingwa. Dak hu l-mod kif ifiequ ċ-ċiviltajiet. Naf li d-dinja misluħa u mdemmija, u għalkemm importanti li ma ninjorawx il-weġgħa tagħha, Huwa wkoll kritiku li nirrifjutaw li nċedu għall-ħażen tagħha. Bħall-falliment, fil-kaos issib l-informazzjoni li twassal għall-għarfien – anke għerf. Bħall-arti.*

Toni Morrison



*Iż-Żgħożija*

FI ŻMIEN IL-COVID-19

ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN U L-INSEGWIMENT KREATTIV TAGĦHOM

# Daħla

Il-miġja u l-impatt tal-pandemija COVID-19 issarrfu fi żminijiet diffiċli u koroh għal ħafna nies madwar id-dinja. Filwaqt li hawn Malta rnexxielna niksbu suċċess fl-immaniġġjar u fil-mitigazzjoni tal-effetti tal-pandemija; madankollu, aħna konxji wkoll li din ħalliet impatt fuq il-ħajjiet tal-familji, ħbieb u komunitajiet tagħna: u kemm kienet kawża ta' tbatija, dwejjaq u inċertezza.

Madankollu, il-kriżi pprovdiet ukoll opportunità għaż-żgħażagħ biex jikkontribwixxu fil-komunità u lejn is-solidarjetà soċjali permezz tal-kreattività u l-innovazzjoni tagħhom. Aġenzija Żgħażagħ kienet konxja kemm minn dawn l-opportunitajiet kif ukoll mill-isfidi li rriżultaw mill-kriżi u ħadet passi biex toffri sapport liż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ hekk kif bdew jesploraw u jiżviluppaw modi ġodda, partikolarment permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-midja soċjali, biex isaħħu s-solidarjetà soċjali u inter-ġenerazzjonali.

Servizzi u opportunitajiet ġodda għaż-żgħażagħ ġew introdotti minn Aġenzija Żgħażagħ, waqt li oħrajn ġew adattati biex jirrispondu għaċ-ċirkostanzi mibdula. Minħabba d-distanzjament soċjali u l-iżolament, ħadu tifsira ġdida u urġenti, il-bżonnijiet taż-żgħażagħ ta' serħan il-moħħ u appoġġ, filwaqt li smajna l-ilħna, l-esperjenzi, l-emozzjonijiet u tħassib tagħhom waqt dawn iż-żminijiet ta' sfida.

Waħda mill-inizjattivi proposti minn Aġenzija Żgħażagħ kienet il-'Youth of Gozo' li ffukat fuq provediment ta' pjattaforma *online* għaż-żgħażagħ f'Għawdex waqt il-*lockdown* parzjali huma u jsegwu firxa wiesgħa ta' attivitajiet kulturali u artistiċi, li kienu jinvolvu żfin, kant, strumenti mużikali u artiġjanat.

Din il-pubblikazzjoni tirrappreżenta r-rikonoxximent kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni taż-żgħażagħ f'Għawdex waqt iż-żmien tal-Covid-19, u kif laqgħu l-isfidi tal-*lockdown* parzjali, id-distanzjament soċjali u l-iżolament. Hija wkoll rikordju tal-ħajja ta' dawn iż-żgħażagħ waqt il-pandemija.

L-istampa li toħroġ ta' dawn iż-żgħażagħ Għawdxin fi żmien il-Covid-19 hija waħda ta' qawwa, reżiljenza, kunfidenza siekta u ċertezza fihom infushom, fil-komunitajiet u fil-futur tagħhom.

**Dr Clifton Grima**
*Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat*



Iż-Żgħożija
FI ŻMIEN IL-COVID-19

ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN
U L-INSEGWIMENT KREATTIV
TAGĦHOM

# Introduzzjoni

L-impatt tal-pandemija COVID-19 inħass madwar id-dinja kollha. Għaż-żgħażagħ, kif ukoll għal kulħadd, irriżulta fi stil ta' ħajja aktar ristrett, b'aċċess limitat għall-edukazzjoni, xogħol u servizzi, u awtoiżolament u distanza soċjali.

Filwaqt li servizzi regolari taż-żgħażagħ, programmi u inizjattivi f'Malta, bħal kullimkien madwar l-Ewropa, ġew milquta ħażin mill-*lockdown* parzjali, dan iż-żmien kien opportunità unika għalina biex naraw kif naħdmu u naslu għand iż-żgħażagħ *online* permezz tal-midja soċjali. Fl-Aġenzija Żgħażagħ, komplejna naħdmu u nipprovdu appoġġ u inkoraġġiment liż-żgħażagħ tul il-*lockdown* parzjali waqt li komplejna niżviluppaw u nespandu l-kapaċità tagħna li nilħqu ż-żgħażagħ b'mod diġitali. Komplejna wkoll niddiġitalizzaw is-servizzi tagħna u tajna appoġġ lil organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex jerġgħu jiddisinjaw u jirranġaw il-programmi u proġetti tagħhom.

Minkejja d-distanza u l-iżolament soċjali, il-midja soċjali fetħet modi ġodda għaż-żgħażagħ u l-*youth workers* biex jingaġġaw flimkien. Ġew immexxija bosta sessjonijiet *online* li provdew spazji siguri għaż-żgħażagħ, u ppermettewlhom jiddiskutu kwistjonijiet topiċi, jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet *online* u jissoċjalizzaw ma' sħabhom, dejjem megħjuna minn *youth workers* professjonali. Ħafna mis-sessjonijiet ippermettew lil żgħażagħ minn oqsma soċjali differenti li jistabbilixxu relazzjonijiet ġodda u jaqsmu u jiddiskutu l-valuri, ideat, aspirazzjonijiet u tħassib tagħhom.

L-Aġenzija Żgħażagħ ħadet ħsieb ukoll inizjattivi speċifiċi waqt il-pandemija biex tappoġġja liż-żgħażagħ. *Stories from young people during Coronavirus* kienet kampanja li ħeġġet liż-żgħażagħ biex jaqsmu *online* l-esperjenzi tal-ħajja tagħhom ta' kuljum waqt il-*lockdown* parzjali; minn eżerċizzju fiżiku, preparazzjoni tal-ikel, diskursati mal-ħbieb u involviment f'inizjattivi kulturali u artistiċi kif ukoll l-espressjoni tas-sentimenti u l-emozzjonijiet tagħhom.

Il-*Give Back Award* kien proġett li stieden liż-żgħażagħ biex jużaw il-kreattività u l-innovazzjoni tagħhom biex jagħtu xi ħaġa lura lill-komunitajiet tagħhom biex jappoġġjaw u jinkoraġġuhom. Iż-żgħażagħ intalbu jissottomettu proposta ta' solidarjetà li tiġi implimentata tul il-pandemija. L-aħjar proposta kellha t-titlu "The Sea of Time" u rċeviet għotja finanzjarja għall-implimentazzjoni tagħha filwaqt li numru ta' proposti interessanti oħra ġew assenjati *youth workers* biex iħarrġuhom dwar kif jistgħu jiżviluppaw u jippromwovu aktar il-proposta tagħhom.

*Youth of Gozo* kien proġett ieħor li provda pjattaforma *online* għaż-żgħażagħ fil-gżira





Iż-Żgħożija
FI ŻMIEN IL-COVID-19

ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN
U L-INSEGWIMENT KREATTIV
TAGĦHOM

ta' Għawdex li kienu qed iwettqu firxa wiesgħa ta' attivitajiet kulturali u attivitajiet artistiċi matul il-*lockdown* parzjali li konna għaddejjin minnu fil-gżejjer Maltin, li kienu jinvolvu żfin, kant, mużika u artiġjanat.

Din il-pubblikazzjoni, *Iż-Żgħożija fi żmien il-Covid-19 – Żgħażagħ Għawdxin u l-insegwiment krejattiv tagħhom* hija rikordju viżwali u kummentarju, fi kliem iż-żgħażagħ li pparteċipaw fil-proġett, kif irrispondew għall-isfidi kif ukoll għall-opportunitajiet li ġab miegħu l-*lockdown*. Il-kampanja fittxet li tappoġġja u tħeġġeġ liż-żgħażagħ biex ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet kreattivi tagħhom bil-provediment ta' pjattaforma *online* fejn setgħu mhux biss juru u jaqsmu t-talenti u l-ħiliet tagħhom ma' oħrajn, iżda wkoll jaqsmu l-emozzjonijiet, tħassib u tamiet għall-futur.

B'kollox, 68 żagħżugħ u żagħżugħa ħadu sehem fil-kampanja u dehru fuq il-paġna tal-Facebook - **Aġenzija Żgħażagħ Gozo Youth Service** bejn Marzu u Ġunju 2020. L-etajiet varjaw minn 12 sa 35 fejn qasmu firxa wiesgħa ta' attivitajiet kreattivi u karrieri differenti.

Dak li kollha għandhom komuni iżda, minbarra li huma lkoll minn Għawdex, huwa ż-żgħożija u l-ħeġġa, l-inizjattiva u l-kreattività, l-awtostima u s-solidarjetà reċiproka, u l-umanità komuni.

Din il-pubblikazzjoni turi wkoll il-qawwa pożittiva tal-ħidma maż-żgħażagħ permezz tal-midja soċjali u kif din tista' ssaħħaħ il-vuċijiet taż-żgħażagħ u tgħinhom jifformaw u jiddeterminaw il-futur tagħhom stess.

Irrid nirringrazzja liż-żgħażagħ Għawdxin talli qasmu ħajjithom u l-esperjenzi tagħhom magħna waqt dan iż-żmien partikolari, lil *youth worker* Jennifer Cauchi li mexxiet il-proġett u Isabelle Mallia (*Manager* tas-servizz reġjonali f'Għawdex) talli iffaċilitat il-proċess. Bħal kullħadd, dawn ix-xhur li għaddew kienu żmien impenjattiv għall-Aġenzija Żgħażagħ; iżda kien ukoll żmien ta' innovazzjoni, kreattività, tiġdid u rinaxximent. It-tagħlim konsegwenza ta' avvenimenti negattivi fil-ħajja spiss jista' jagħti aktar frott minn tagħlim li jsir minn avvenimenti pożittivi.

**Miriam Teuma**
*Kap Eżekuttiv*
*Aġenzija Żgħażagħ*



# Għawdex

**Lokazzjoni:** Fin-Nofsinhar ta' Sqallija, fil-Baħar Mediterranju

**Arċipelagu:** Il-Gżejjer Maltin

**Żona:** 67 km² (26 mil kwadru)

**Tul:** 13.34 km (8.289 mil)

**Wisa':** 7.15 km (4.443 mil)

**L-akbar insedjament:** Victoria (pop. 6,901)

**Demonimu:** Għawdxin

**Populazzjoni:** 32,723

**Lingwa:** Malti





**Isem:** Jennifer Cauchi
**Età:** 30
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Il-passjonijiet tiegħi huma x-xogħol maż-żgħażagħ, Għawdex u l-Knisja. Minn dejjem kont attiva fost entitajiet tal-knisja u gruppi taż-żgħażagħ differenti, u jien ukoll membru tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ Għawdex. Kien dan ix-xogħol ta' volontarjat li wassalni biex nagħżel it-triq tal-professjoni tiegħi bħala ħaddiema maż-żgħażagħ. Naħdem mal-Aġenzija Żgħażagħ u jien privileġġata li nwettaq xogħli fis-servizz reġjonali t'Għawdex. Meta ma nkunx nistudja jew naħdem, issibni nħuf (fiżikament jew mentalment) madwar it-toroq iċċempjati ta' Ruma b'ġelat f'idejja, inkella mitlufa fid-dinja maġika ta' Harry Potter jew infittex il-kenn f'Ta' Pinu. Id-dokument tal-Papa Franġisku *Christus Vivit* huwa sors ta' riġenerazzjoni għalija meta jkolli bżonn trawwim ġdid.



*"Mill-kamra tas-sodda tiegħi mibdula f'uffiċċju, it-tħassib ewlieni tiegħi kien kif ser inkompli nżomm kuntatt maż-żgħażagħ, u kif inħeġġiġhom jagħmlu l-aħjar użu mill-ħin tagħhom waqt li kienu d-dar. Ħriġt bl-idea ta' Youth of Gozo u bdejt nara kif nagħmel din il-ħolma realtà. Ma tantx sibt ħin biex nirrifletti fuq ir-restrizzjonijiet imposti fuqi personalment f'dan il-perjodu. Il-gratitudni tiegħi tmur lejn iż-żgħażagħ li t-talenti tagħhom imlewli ħajti waqt il-Covid-19."*



**Isem:** Luke Vella
**Età:** 13
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Jiena student tal-Form 3 fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex. Jiena attiv ħafna u nieħu gost nipparteċipa fejn inkun nista' immidd ideja. Is-suġġett favorit tiegħi huwa d-*Design & Technology*. Inħobb nitgħallem billi nesperimenta u nipprova affarijiet ġodda, speċjalment b'tagħmir elettroniku. Id-dar inqatta' il-ħin nara vidjows ta' tagħlim fuq YouTube u nipprova esperimenti differenti. Dejjem qed niskopri affarijiet ġodda u nixtieq li meta nikber insir electrician. Jiena nieħu gost ukoll indur bir-rota tiegħi u nara t-televiżjoni.

*"Minħabba l-Covid-19 qed ikolli nibqa' d-dar kemm jista' jkun. Madankollu għandi iktar ħin biex inwettaq esperimenti differenti u anke biex nara t-televiżjoni."*







**Isem:** Michael Cutajar Zahra
**Età:** 30
**Post:** Victoria
**Biografija qasira:** Minn età żgħira, kont affaxxinat bl-opri tal-arti li missieri, Joseph Cutajar Zahra pproduċa fl-istudju tiegħu. Illum, jien skultur li naħdem għal rasi full-time fl-istudju tiegħi f'Kerċem. Għamilt ħafna skulturi, speċjalment għal kummissjonijiet privati, kif ukoll statwi tat-tafal (terra-cotta), kartapesta u bronż. Ħdimt diversi xogħlijiet ta' dekorazzjoni relatati mal-festi li jiġu esebiti madwar il-gżejjer tagħna matul il-perjodu tal-festi. Fil-preżent, qed naħdem fuq biċċiet tridimensjonali u naċċetta xogħol ikkummissjonat għal residenzi privati. Jien naspira mhux biss li nkompli f' din il-linja li kien beda missieri, iżda wkoll li niġi kummissjonat opri tal-arti importanti.

*"Minħabba l-Covid-19 irnexxieli nghix il-ħajja ta' artist kif suppost u bħalissa qed jirnexxili naħdem fuq il-biċċiet artistiċi tiegħi b'aktar kalma u konċentrazzjoni.*

*Kwotazzjoni li nixtieq naqsam hija: "Love of beauty is taste. The creation of beauty is art. (L-imħabba lejn is-sbuħija hija gosti. Li tikkreja s-sbuħija hija arti).'"*





**Isem:** Michael Joe Cini
**Età:** 22
**Post:** Żebbuġ
**Bijografija qasira:** Ilni nipproduċi l-mużika għal dawn l-aħħar tmien snin. Nipproduċi prinċipalment mużika elettronika iżda dan l-aħħar qed nesplora wkoll ġeneri differenti. Stramba kemxejn l-istorja tiegħi għaliex ma kontx fid-dinja tal-mużika qabel ma bdejt nipproduċiha. Kollox beda meta smajt dwar Avicii u smajt il-mużika tiegħu. Xtaqt mill-ewwel insir naf kif kien qiegħed jagħmel id-diski tiegħu u bla ma naf kif, spiċċajt nipproduċi jien ukoll. Tgħallimt kollox id-dar billi nara vidjows ta' tagħlim u nesperimenta. Aħna xxurtjati ħafna li ngħixu fi żmien fejn nistgħu nitgħallmu ħafna affarijiet waħedna mid-dar.



*Apparti l-produzzjoni ta' muzika, niġi mqabbad bħala DJ f'avvenimenti diversi. Il-Covid-19 affettwani direttament billi l-avvenimenti kollha ġew ikkanċellati. Fortunatament, xorta nista' nipproduċi mużika d-dar. Min-naħa l-oħra, kelli diversi proġetti ppjanati ma' artisti differenti, li kellhom jiġu posposti. Naħseb li kulħadd huwa affettwat mis-sitwazzjoni, iżda ma nistgħux nirreaġixxu qisu l-aħħar tad-dinja. Għandna bżonn naddattaw għas-sitwazzjoni u nieħdu l-aħjar li nistgħu minnha. Fil-każ tiegħi, qed inqatta' ħafna mill-ħin tiegħi naħdem fuq affarijiet li qatt ma kelli ċans għalihom qabel il-pandemija.*





**Isem:** Brian Refalo
**Età:** 30
**Post:** Xagħra
**Bijografija qasira:** Jien is-sid ta' żewġ ristoranti f'Għawdex, Oleander fix-Xagħra u La Trattoria ġewwa Marsalforn. Għandi passjoni għall-ikel u nagħmlu l-almu tagħna biex nipprovdu lill-klijenti tagħna b'esperjenza kulinarja mill-aqwa. Togħġobni wkoll il-mużika u ndoqq it-tnabar. Kont ħadt sehem fil-Konkors tal-Kanzunetta tal-Eurovision tal-2007 u tal-2008 ma' Klinsmann Coleiro u dawn kienu esperjenzi tal-ġenn. Bħalissa, minħabba n-negozju, m'għandix ħafna ħin biex nipprattika. Madankollu waqt il-Covid-19 erġajt qbadt dan id-delizzju mill-ġdid wara ħafna żmien. Iżda jinħtieġ ħafna ħin, prattika u paċenzja biex nerġa nilħaq il-livell mixtieq.



*Minħabba l-Covid-19, in-negozju kellu jingħalaq iżda fil-ħajja mhux kollox idur madwar ix-xogħol. Għalija kienet opportunità li jkolli waqfa. Matul dan iż-żmien esperimentajt b'iktar tisjir u qsamt ukoll vidjows fuq il-midja soċjali biex ninkoraġġixxi oħrajn biex jippruvaw tipi differenti ta' ikel.*



**Isem:** Tyler Grech
**Età:** 23
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Wara li ggradwajt mill-Università, tlaqt minn Malta għall-Irlanda, sitt xhur qabel ma faqqgħet il-Covid-19, biex naħdem fl-iżvilupp tan-negozju. Dan il-pass nista' nispjegah bħala taħlita ta' avventura imżewwaq mal-kriżi li xi drabi tolqot meta wieħed jiggradwa mill-Università u jħabbat wiċċu ma' tagħbija ta' għażliet li jiddiżorjentaw. Meta kont iżgħar, jien kont inħobb indoqq il-kitarra. Ma kontx tajjeb, imma xorta waħda kont nieħu gost indoqqha. Il-kitarra kont begħtha imma kien jiddispjaċini li ħadt dik id-deċiżjoni, speċjalment kull meta kont nisma' melodija tajba fuq il-kitarra. Is-sena li għaddiet xtrajt it-tieni kitarra tiegħi, l-aktar bħala sfog biex naħrab u nevita l-istudju imma nista' ngħid li erġajt irbatt qalbi ma' dan id-delizzju. Irritornajt Malta minħabba l-pandemija u matul il-ġimagħtejn li qattajt kwarantina, erġajt skoprejt il-pjaċir u s-sodisfazzjon li tħoss meta ddoqq il-kordi tal-kitarra.



*Ir-ritmu tal-ħajja naqqas. Ma kien hemm xejn x'tagħmel ħlief li tħares 'il ġewwa u tirrifletti. Iżda anke meta l-forzi naturali kollha jingħaqdu flimkien sabiex l-umanità tieqaf ħalli forsi ssib ħin tirrifletti fuq il-forza li teżerċita fuq id-dinja, il-bniedem xorta jirnexxilu jsib il-mezzi biex jibqa' jissoppravivi. Ingħalqu l-ħwienet tax-xorb u r-ristoranti, imma xorta qed nippruvaw insibu modi oħra kif ngħaddu l-ħin. Hekk kif qed nikteb dan, ma għandi l-ebda ideja kif se jintemm dan il-kapitlu. Is-sentiment tiegħi huwa li dan il-perjodu se jibqa' mfakkar sew mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin bħala wieħed minn dawk l-episodji poetiċi fejn nies ta' kull xorta ngħaqdu flimkien kontra avversarju komuni biex jimbuttawh u jibqgħu mexjin 'l quddiem.*





**Isem:** Angie Said
**Età:** 16
**Post:** Sannat
**Bijografija qasira:** Sa minn età żgħira kont inħobb naqra ħafna kotba, speċjalment bil-Malti. Madwar sentejn ilu skoprejt is-sbuħija tal-kitba u bdejt nikteb poeżiji u stejjer qosra li kienu jinkludu lezzjoni jew messaġġ. Jien ma niktibx ta' spiss, mhix xi ħaġa li nħoss li għandi nagħmel ta' bilfors, imma nagħżel li nikteb biss meta tiġini l-muża.



*Irrid ngħid li f'daż-żmien sibt ħafna iktar ħin biex nikteb għax kont fil-burdata. L-esperjenza tal-Covid-19 għallmitni ħafna, speċjalment li napprezza l-ħajja aktar u dak kollu li ninsabu mdawrin bih. Fuq kollox, aħna darba biss ngħixu.*



**Isem:** Albert-Lauren Agius
**Età:** 14
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Il-kant huwa l-passjoni tiegħi. Jien inħobb nagħmel lil ħaddieħor kuntent permezz tal-kant. Ilni nipprattika il-kant sa mill-età ta' 4 snin. Ħadt sehem f'diversi *festivals* tal-kant. Lokalment irbaħt fuq programm tat-TV jismu "Anke jien għandi x'nuri" u f'*Sanremo Junior Malta*, irbaħt id-dritt li nirrappreżenta lil Malta f'*Sanremo Junior fl-Italja*. Din kienet ħolma tiegħi li saret realtà hekk kif kantajt mal-Orkestra ta' Sanremo fuq il-palk tal-Ariston fejn irbaħt "*Il Primo Premio Internazionale di Sanremo*". Kont ukoll finalist ta' "*The Entertainers Singing Challenge*" u fl-2018 kont finalist tal-*Malta Junior Eurovision*. Inkanta waqt il-quddies u nifforma parti minn grupp, li fih inkanta u ndoqq il-*bass guitar*. Indoqq u nistudja l-pjanu u qed nagħmel l-eżamijiet tal-pjanu tat-Trinity Guildhall College of London.




*Il-Covid-19 ġegħilni naħseb f'dawk in-nies li jgħixu waħedhom u jbatu mis-solitudni. F'dan iż-żmien indunajt kemm l-affarijiet li nixtieq l-aktar, huma dawk li qabel kont inqishom bħala parti mill-ħajja ordinarja ta' kuljum.*





**Isem:** Charles Buttigieg
**Età:** 20
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Bdejt inkanta minn età żgħira. Fl-2011 ingħaqadt ma' *Chorus Urbanus* taħt Mro. John Galea. Kantajt taħt l-awspiċi tal-President ta' Malta, taħt il-patroċinju tal-BOV Joseph Calleja Foundation", fit-Teatru Manoel, u mal-*Malta Youth Orchestra*. Kantajt anke barra minn Malta f'Caltagirone, La Bohème f'Gela u Agrigento, fi New York fil-preżenza tal-President tal-Metropolitan ġol-*Curtis Institute of Music* u anke fil-Curtis Gala. Fl-2019, iddebuttajt fl-Opera Philadelphia bi rwol ewlieni. Fl-età ta' 20 sena, kont l-iżgħar baritonu ta' kull żmien. L-istudji vokali tiegħi bdew taħt Juliette Bisazza u bħalissa qed nistudja mal-*Curtis Music Institute* taħt Mro. Jack LiVigni.



*Matul il-pandemija jiena qattajt ħafna mill-ħin tiegħi nistudja d-dar u nippreparа għall-kunċerti li jmissni barra minn Malta. Għamilt xi kunċerti live mid-dar u qsamt il-lirika tiegħi ma' udjenzi madwar id-dinja. Nipprattika l-vuċi mill-inqas 30 minuta kuljum, b'taħriġ vokali u eżerċizzji tan-nifs. Għamilt ukoll xi workouts biex inżomm ġismi f'saħħtu u attiv. Għadni għaddej bl-istudji tiegħi online permezz ta' Skype mal-għalliema tiegħi minn madwar id-dinja speċjalment fl-Amerika. Huwa diffiċli għalina bħala kantanti tal-opra li nistudjaw b'dan il-mod imma dejjem nipprova nagħmel l-aħjar tiegħi.*



**Isem:** Felicienne Mercieca
**Età:** 30
**Post:** Xagħra
**Bijografija qasira:** Minn età żgħira dejjem kont involuta fl-isport. Jiena kont nipprattika l-*basketball* u l-*football* għal diversi snin. Sitt snin ilu bdejt il-ġiri bħala sport. Kelli kowċ li kien triatleta u kien hu li beda jħeġġiġni nibda dan l-isport. Biex tkun triatleta teħtieġ ħafna sigħat ta' prattika peress li jinkludi 3 dixxiplini differenti li huma l-għawm, iċ-ċikliżmu u l-ġiri. Inħobb dan l-isport peress li jżommni motivat kontinwament biex nagħmel l-almu tiegħi biex nikseb ir-riżultati mixtieqa.




*Il-Covid-19 ma affettwanix direttament fil-verità għaliex it-taħriġ tiegħi huwa ta' sport individwali għalhekk nista' nkompli bit-taħriġ normali tiegħi. L-uniċi żewġ affarijiet li tlift kienu s-soċjalizzazzjoni mal-ħbieb waqt it-taħriġ u l-aċċess għall-pixxina, li bdiltu f'taħriġ fil-baħar.*





**Isem:** Benjamin Attard
**Età:** 11
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Bdejt l-ewwel lezzjonijiet tal-pjanu tiegħi f'Jannar 2017 u wara bdejt il-lezzjonijiet tal-kant f'Awwissu tal-istess sena. Nipprattika kuljum u din tinvolvi determinazzjoni kbira. Lokalment, jien ħadt sehem f'diversi *festivals* u avvenimenti simili. F'Novembru 2018 ġejt magħżul biex nirrappreżenta lil Malta f'festival internazzjonali li sar f'Budapest, l-Ungerija. L-ikbar opportunità tiegħi żgur kienet meta ħadt sehem fl-ewwel edizzjoni tal-festival "Kanta Magħna" flimkien mad-*D Capitals Big Band*, fejn ġejt it-tieni mill-kategorija tiegħi u ngħatajt ukoll il-Premju *Distinct Talent Award*. Il-ħolma tiegħi hija li fil-futur qarib nieħu sehem f'*The Voice* jew *X-Factor Malta*.



*Matul din il-pandemija, kulħadd irid jagħmel sagrifiċċju u huwa importanti li nisimgħu d-direttivi tal-gvern u tal-awtoritajiet tas-saħħa sabiex b'hekk noħorġu minn din is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun.*



**Isem:** Damjan Zahra
**Etża:** 16
**Post:** Victoria
**Bijografija Qasira:** Jiena student nattendi Sir MA Refalo Sixth Form f'Għawdex. Bħalissa qed nistudja biex nidħol fis-settur tar-Relazzjonijiet Internazzjonali. Li insir DJ kienet ħolma tiegħi sa minn meta kont żgħir peress li dejjem kont inħobb il-mużika. Ħija, li dak iż-żmien kien għadu kemm beda l-karriera tiegħu ta' DJ, ispirani biex ma naqtax qalbi u nipprova jiena ukoll. Fl-aħħar tal-2018 iddeċidejt li nieħu d-*DJing* għall-livell li jmiss. Bnejt fuq il-bażi ta' dak li kien għallimni ħija qabel, bdejt nagħmel progress u sirt dejjem aktar professjonali. L-ewwel attività li daqqejt fiha ħabtet fi Frar 2019 u din tat bidu għall-karriera tiegħi ta' DJ.



*Peress li kellna nibqgħu d-dar minħabba l-pandemija stajt indoqq biss fil-kamra tas-sodda tiegħi u nxandar il-mużika virtwalment lill-udjenzi tiegħi permezz tal-medja soċjali. Minħabba l-virus, l-avvenimenti kollha ġew ikkanċellati biex jitnaqqas t-tixrid, li ovvjament hija ħaġa tajba ħafna imma tassew in-nuqqas tas-sensazzjoni u l-konnessjoni man-nies li DJ joħloq meta jdoqq matul dawn l-avvenimenti. Nispera li dan kollu jgħaddi malajr sabiex inkunu nistgħu nerġgħu lura għar-rutina tas-soltu tagħna!*





**Isem:** Jonathan Vella
**Età:** 28
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Fl-2005, bdejt it-teorija tal-mużika fil-każin tal-banda tar-raħal billi tgħallimt il-bażi tal-mużika bħat-taħbit u t-temp. Wara sena bdejt il-klarinett u domt indoqqu erba' snin. Fl-2009 iddeċidejt li naqleb għar-ram. Kienet qabża enormi għalija peress li huma strumenti differenti minn xulxin u kien jeħtieġ li nistudja u nipprattika iżjed. Ma qtajtx qalbi u pprattikajt kemm flaħt id-dar. Issa ilni ndoqq għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena u dejjem nagħmel l-almu tiegħi biex inkompli nitjieb. L-iktar ħaġa importanti hija li meta tipprattika biċċa ġdida trid tagħmilha biċċa biċċa sakemm tipperfezzjona kollox. L-impenn għall-mużika jirrikjedi li tkun tħobb dak li qed tagħmel sabiex tagħmlu mill-qalb, tħossok aħjar u tgawdi il-mużika!



*Il-Covid-19 ħallieni b'sentimenti negattivi minħabba li ma stajtx nipprattika d-delizzju u l-professjoni tiegħi minħabba l-fatt li ħafna avvenimenti ġew ikkanċellati fosthom il-festi u attivitajiet oħra. Madankollu xorta bqajt nipprattika d-dar u fittixt ukoll biċċiet mużikali online biex nipprattikahom. Il-mużika tgħinni nħossni iktar pożittiv.*



**Isem:** Martha Grima
**Età:** 29
**Post:** Kerċem
**Bijografija qasira:** Għaddejt ħafna snin ta' xogħol iebes, studju u ljieli bla rqad, imma dalwaqt se nkun speċjalista fil-mediċina tal-familja, wara li gradwajt bħala tabiba fl-2014. Jien ukoll żeffiena tal-*ballet*, ilni li bdejt mindu kelli seba' snin, u f'Diċembru li għadda għaddejt mill-eżami tal-livell avvanzat f'din id-dixxiplina. Bħala arti, il-*ballet* għenni b' diversi modi; kien mezz ta' rilassament fi żminijiet ta' *stress*, opportunità biex niltaqa'ma' ħbieb tal-qalb u spazju biex nitgħallem dwar id-dinja. Minbarra l-professjoni tiegħi u ż-żfin tal-ballet, jien niddisinja wkoll *cards* personalizzati magħmula bl-idejn. Nipprova wkoll insib ħin biex nappreza l-kumpanija tan-nies li nħobb. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, it-talb dejjem kien parti importanti f'ħajti u nirringrazzja lil Alla talli kien ir-ragħaj u l-gwida tiegħi matul l-isfidi ta' kuljum tiegħi.



*Il-Covid-19 kien daqqa ta' ħarta u ħajti nbidlet b'mod drastiku. Ma rajtx il-familja tiegħi f'Għawdex għal xahrejn minħabba li l-professjoni tiegħi tippreżenta riskji għas-saħħa. Imma s-sigriet hu li taddatta u tagħmel dak li hu possibbli. Kont niżfen billi nsegwi l-klassijiet online, insajjar, nisma' l-mużika u adottajt ukoll lil Hazel, qattusa ħelwa li tatni l-imħabba u l-kumpanija li kont nieqsa minnha. Jien stajt nagħżel li nkun negattiva, imma għażilt li naħdem kemm nista' biex nagħmel lili innifsi persuna aħjar. Ma kontx ċerta jekk hux se jirnexxili iżda xtaqt nieħu ċans. Li temmen fik innifsek huwa kruċjali!*





**Isem:** Joseph Attard
**Età:** 34
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Bdejt il-lezzjonijiet tal-kitarra elettrika fl-età ta' tlettax-il sena. Kont nieħu gost nisma' l-mużika rock speċjalment il-*heavy metal* f'dak iż-żmien. Wara li tgħallimt l-elementi bażiċi tal-kitarra, bdejt nesperimenta waħdi. Fil-fatt, aktar tard xtrajt kitarra *bass*, żewġ vjolini, pjanu *synthesizer* u *harmonica*. Il-mużika hija xi ħaġa li jiena tassew inħoss u nħobb indoqq il-mużika li togħġobni, li tvarja minn mużika klassika għal mużika *rock*. Permezz tal-mużika nirrilassa, speċjalment wara ġurnata xogħol.

*Fis-sitwazzjoni tal-Covid-19 li ninsabu fiha bħalissa, onestament sibt iktar ħin biex nipprattika dak li tassew inħobb. Il-mużika tgħinni biex naljena rasi u ninsa l-inkwiet u l-ansjetajiet.*







**Isem:** Christian Debono
**Età:** 30
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Inġbidt lejn l-arti tal-induratura meta bdejt niffrekwenta l-maħżen tal-armar tal-festa tagħna. Wara attendejt ukoll kors fl-Iskola tal-Arti f'Għajnsielem. Minn hemm tgħallimt metodi differenti ta' induratura, bl-użu tal-aluminju, folji tad-deheb u nduratura bil-*bole*. Nagħmel ħafna xogħol volontarju ta' induratura *ad unur* il-patrun tagħna San Ġorġ. Dan jinvolvi nduratura bid-deheb fuq l-istatwi tagħna kif ukoll dekorazzjonijiet tal-pedestalli. Dawn tal-aħħar huma ġeneralment mgħottija b'saffi ta' folji tal-aluminju, qabel ma tiżdied kisja finali ta' *shellac*. Jiena ndurajt numru ta' statwi żgħar, pedestalli, arloġġi, inkwadri u anke gandlieri tax-xemgħat għal kollezzjonijiet privati. Jekk ikolli nidentifika x-xogħol l-iktar għal qalbi, definittivament tkun l-istatwa proċessjonali ta' San Ġużepp li tinsab fil-Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat. Din kienet indurata bil-*bole*.

*Matul din l-epidemija sibt ħafna iktar ħin biex nipprattika d-delizzju tiegħi, peress li kellna nibqgħu d-dar. Ħafna mix-xogħol li kont nagħmel fil-maħżen issa qed nagħmlu mid-dar. Din hija sitwazzjoni inkwetanti, imma jekk kulħadd isegwi d-direttivi li jinħarġu, nistgħu nirritornaw għall-ħajja normali fi ftit xhur.*



**Isem:** Ruth Portelli
**Atà:** 31
**Post:** Qala
**Bijografija qasira:** Bdejt inkanta t'età relattivament żgħira, u l-ewwel darba li tlajt fuq il-palk kien fl-iskola primarja. Minn dakinhar 'il quddiem, kien hemm diversi nies li ħeġġewni u għenuni nieħu sehem f'*festivals* f'Għawdex. Bdejt inkanta fil-kor parrokkjali, u bdejt il-lezzjonijiet tal-kant. Illum, il-*manager* tiegħi nqisu bħala l-kumpass morali u l-gwida tiegħi fil-mużika, apparti milli jieħu ħsieb ukoll il-preżenza tiegħi fuq il-midja soċjali. Kull meta jkolli bżonn nipprattika, ningħalaq f'kamra kwieta, sabiex ikolli konċentrazzjoni massima. Jiena kemxejn perfezzjonista u għalhekk nieħu ftit taż-żmien biex nikkonvinċi lili nnifsi li qed inkanta tajjeb!



*Minħabba l-Covid-19, kollox ġie kkanċellat jew pospost. Kelli diversi pjanijiet għall-2020. Flimkien ma' żewġ persuni oħra, konna qed nippjanaw li norganizzaw l-ewwel kunċert ta' mużika klassika tagħna, apparti minn bosta attivitajiet mal-kor li nifforma parti minnu. Għall-ewwel darba, se jkolli sajf mingħajr xi forma ta' kant, u nixtieq nużah bħala opportunità biex nieħu pawsa mill-kant, u nqatta' ħin ta' kwalità ma' binti u l-familja tiegħi.*



**Isem:** Amy Rapa
**Età:** 24
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Bdejt nistudja l-pjanu fl-età ta' sitt snin, mas-Sinjura Jennifer Grech. Jiena ksibt id-Diploma ATCL fil-Prestazzjoni tal-Pjanu fl-2012 u ndoqq ukoll bħala pjanista ma' orkestri u *ensembles*, u anke nakkumpanja diversi kantanti, korijiet u strumenti. Kelli ukoll opportunitajiet kbar f'diversi produzzjonijiet mużikali, l-iktar reċenti f'*Joseph and the Amazing Technicolor Dreamcoat* fit-Teatru Astra u *Sound of Music* fl-Oratorju Don Bosco. Bħalissa jien il-pjanista residenti tal-band lokali - *Brasstubes* u wkoll id-direttur tal-kor tat-tfal tal-parroċċa tax-Xewkija - Kor Ulied il-Battista. Fl-2018, gradwajt bħala Inġinier Mekkaniku mill-Università ta' Malta.



*Minn provi ta' kuljum u skeda mimlija ħafna, f'daqqa waħda l-provi u l-wirjiet kollha ġew ikkanċellati minħabba l-Covid-19. Kellna nsibu modi ġodda kif inkantaw, u nagħmlu mużika flimkien. L-ewwel idea kienet li ngħaqqad lit-tfal tal-Kor Ulied il-Battista biex ikantaw flimkien minn djarhom, bl-għajnuna ta' ħija Simon li ħa ħsieb l-editjar tal-vidjo. Dan kien l-ewwel minn ħafna videos li saru flimkien ma' kantanti differenti. Minħabba s-sitwazzjoni attwali, qed inqatta' ħafna iktar ħin id-dar u nuża dan il-ħin biex nippjana u nipprepara għal meta eventwalment inkunu nistgħu nkantaw u nwettqu kunċerti u opri mużikali flimkien mill-ġdid.*





**Isem:** Maria Mifsud
**Età:** 25
**Post:** Kerċem
**Bijografija qasira:** Inħossni tassew kburija li gradwajt fi grad ta' *Master fi Scoring for Film, Television and Video Games* mill-Berklee College of Music (Valencia). Bħala pjanista u vjolinista ħdimt kemm fuq livell nazzjonali u anke internazzjonali u bħala kompożitur irċevejt premjijiet f'kompetizzjonijiet internazzjonali. Inħossni onorata li mexxejt u rrekordjajt b'mod professjonali l-kompożizzjonijiet tiegħi ma' orkestri tal-*films* fl-AIR Studios, Palau de les Arts u East Connection. Dan kollu jikkumplimenta l-*background* mużikali tiegħi, peress li għandi ukoll MA fit-Tagħlim tal-Mużika, BA (Hons) fil-Mużika kif ukoll PG (Cert) f'*Online and Distance Education*, LMusLCM, ATCL u AMusTCL.



*Is-sitwazzjoni tal-COVID-19 ħadet b'sorpriża lil kull settur, mhux b'inqas lis-setturi tal-mużika u l-edukazzjoni. Peress li l-iskejjel ngħalqu, kellna noħolqu riżorsi tal-mużika u ntellgħuhom għall-istudenti online. Din is-sitwazzjoni tatni l-opportunità li nħaddem it-teknoloġija u dak kollu li għandha x'toffri għat-tagħlim. Barra minn hekk, bqajt naħdem fuq proġetti mużikali li ser inkun qed nippreżenta fil-futur. Din is-sitwazzjoni tatni l-opportunità li nqatta' aktar ħin ta' kwalità mal-familja tiegħi waqt li nappreza x-xogħol tal-professjonisti kollha tas-saħħa. Aktar milli nistenna okkażjoni speċjali biex niċċelebraw, kuljum inqisu barka u raġuni biex niċċelebraw il-ħajja.*



**Isem:** Pierre Louis Attard
**Età:** 26
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Jiena gradwat bħala Ian Tomlin Scholar b'unuri tal-ewwel klassi mill-Università ta' Edinburgh Napier minn fejn irċevejt ukoll il-premju *Hebberts for Strings*. Bħala skular tal-Fondazzjoni BOV Joseph Calleja, riċentement iggradwajt bil-grad ta' *Master of Music* b'Distinzjoni fil-Prestazzjoni tal-Vjolin mir-Royal Welsh College of Music. Fl-2010, għamilt id-debutt barrani tiegħi u fl-2012, iddebutajt bħala vjolinist solista mal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, li tagħha jiena wkoll membru. Kont ukoll membru tal-*Mediterranean Youth Orchestra*, mexxej tal-*Malta Youth Orchestra* u tar-*Royal Welsh Chamber Orchestra*. Bħalissa qed ngħallem il-vjolin fl-Iskola tal-*Visual and Performing Arts* f'Għawdex.



*Il-Covid-19 ġabet bidla drastika fl-istil ta' ħajja tiegħi. Ix-xogħol tiegħi bħala vjolinist fi ħdan l-Orkestra Filarmonika ta' Malta tista' tgħid li ġie mwaqqaf għal dan il-perjodu. Madankollu, esplorajna mezzi ġodda kif nagħmlu l-mużika. Qed jiġi esplorat l-użu ta' pjattaformi online u midja soċjali, bil-mużiċisti jintalbu jirreġistraw proġetti individwali jew jingħaqdu ma' gruppi żgħar biex jippreżentaw "modi ġodda" biex jagħmlu kuntatt mal-udjenzi tagħhom u lil hinn. Min naħa l-oħra, fil-kapaċità tiegħi bħala għalliem tal-vjolin, għadhom qed jingħataw lezzjonijiet lill-istudenti permezz ta' tagħlim online. Fl-opinjoni tiegħi, it-tagħlim wiċċ imb'wiċċ jiżgura konnessjoni aktar b'saħħitha, fejn l-istudenti għandhom it-tendenza li jkunu aktar impenjati u ffukati. Madankollu, wieħed irid ikun grat li hemm mezzi teknoloġiċi disponibbli llum il-ġurnata. Filwaqt li, naturalment, id-dinja b'xi mod inbidlet f'daqqa, ma waqfitx (kompletament) lanqas.*





**Isem:** Andrew Portelli
**Età:** 27
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Jiena gradwajt fl-Arti mill-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta. Ilni nvolut f'ħafna attivitajiet artistiċi sa minn meta kont żagħżugħ. Inħobb niddisinja u nibni settijiet tal-palk li jvarjaw minn opri għal props għall-festini. Kont ossessjonat ukoll bl-armar tat-toroq tal-festi minn meta kont żgħir. Is-Sur Joseph Cauchi kien dak li introduċini għat-teknika tal-irħamar u ilni minn dakinhar nipproduċi xogħlijiet għall-festi madwar Malta u Għawdex.



*Jien sid ta' bar u kelli nagħlaq minħabba l-Covid-19. Madankollu dan tani ħafna iktar ħin biex nipprattika d-delizzji tiegħi.*



**Isem:** Amadeo John Cassar
**Età:** 15
**Post:** Xewkija
**Bijografija qasira:** Bħalissa qed nitgħallem kif indoqq tipi differenti ta' strumenti bil-kordi inkluż *ukulele*, *bass* u kitarra. Qed nieħu lezzjonijiet formali tal-kitarra ma' Joseph Azzopardi. Kull meta nsib il-ħin, nipprattika fuq l-istrumenti tiegħi. Il-mużiċisti favoriti tiegħi huma Rob Scallon, Flea, Brian May u Jaco Pastorius. Inizjalment, il-mużika ma kinitx it-triq li ridt nagħżel. B'xi mod tnissel dan it-talent fija u issa sar il-qofol ta' ħajti. Nispera wkoll li nitgħallem strumenti oħra inqas popolari bħall-kalimba u t-theremin. Il-messaġġ tiegħi liż-żgħażagħ l-oħra kollha huwa li jagħtu widen għal dik il-vuċi interna għax jista' tkun qed issejħilhom biex jiftħu toroq ġodda fil-karrieri futuri tagħhom.



*"Il-Covid-19 m'affettwax la d-daqq u lanqas it-tagħlim tiegħi. Anzi dan il-virus tani iktar ħin biex nipprattika u ntejjeb il-ħiliet tiegħi. Qed ikolli wkoll lezzjonijiet tal-kitarra online, kif ukoll qed nipprova nirrekordja album."*



**Isem:** Steve Buttigieg
**Età:** 16
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Bdejt nistudja l-pjanu ta' seba snin mas-Sinjorina Maureen Zerafa. Nammetti, li tul iż-żmien, kien hemm diversi drabi fejn għal ftit ma qtajtx qalbi u ridt nieqaf, imma grazzi għas-sapport t'ommi u bl-għajnuna t'Alla, irnexxieli nkompli bl-istudji tiegħi tal-pjanu. Ninsab kuntent ħafna bil-progress tiegħi. Ninsab ukoll determinat li nkompli nistudja l-mużika l-Università. Bħalissa qed nistenna biex nagħmel l-ewwel eżami tad-Diploma tal-Pjanu, li ġie postpost minħabba l-Covid-19.




*"Ironikament, il-Covid-19 kellu mpatt pożittiv fuq l-istudji tal-pjanu tiegħi. Peress li għaddejt iktar ħin id-dar, kelli iktar ħin biex nipprattika u nesperimenta bit-talent tiegħi."*



**Isem:** Fr Mario Curmi
**Età:** 30
**Post:** Xagħra
**Bijografija qasira:** Wara 7 snin nistudja fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex, ġejt ordnat saċerdot fl-20 ta' Mejju 2016. Komplejt l-istudji tiegħi fil-belt ta' Salamanca fi Spanja fejn kont ksibt il-Liċenzja tal-Iskrittura Mqaddsa. Wara dawk is-sentejn bdejt avventura ġdida bħala missjunarju fil-Gwatemala fl-Amerika Ċentrali. Ilni sentejn naqdi fil-parroċċa ta' Izabal, fejn flimkien ma' saċerdot Għawdxi ieħor, nieħu ħsieb tfal u gruppi ta' żgħażagħ, il-kor tat-tfal u skola tal-mużika. Il-parroċċa hija mifruxa madwar ġungla fejn inżur madwar tmienja u għoxrin raħal ieħor biex niċċelebraw il-quddiesa u sagramenti oħra kif ukoll biex inżur lill-foqra.



*Il-Covid-19 affettwa wkoll lill-parruċċani tagħna. L-għadd ta' każijiet huwa baxx iżda l-konsegwenzi ekonomiċi huma ħorox. L-impjiegi ntilfu. Il-familji ma jistgħux jixtru l-ikel u qed jgħixu f'miżerja. B'riżultat, qed immexxu bank tal-ikel għal madwar 100 familja, iżda aħna niddependu ħafna fuq donazzjonijiet biex inkomplu għaddejjin. Finanzjarjament, aħna niddependu fuq il-ġenerożità tal-poplu Malti u Għawdxi u huwa permezz tal-fondi li nirċievu mingħandhom li nistgħu nkomplu dan is-servizz. Basktijiet tal-ikel ġeneralment idumu 15-il ġurnata. Nixtiequ li nistgħu ngħinu aktar nies, imma sfortunatament m'għandniex il-mezzi biex nissodisfaw id-domanda kollha. Imma bl-għajnuna ta' Alla u l-benefatturi tagħna aħna nkomplu naħdmu biex ngħinu lil dawk fil-bżonn.*





**Isem:** Loredana Agius
**Età:** 16
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Mill-età ta' 4 snin, bdejt it-taħriġ vokali tiegħi. Jiena u nikber tgħallimt diversi tekniċi tal-kant u l-ġmiel tal-vuċi. Ħadt sehem u rbaħt diversi *festivals* ta' kant kemm lokalment kif ukoll barra. Irbaħt il-Festival Internazzjonali *Trixie* fil-Bulgarija u l-Festival *Tra La La* fil-Maċedonja. Jien ġej it-tieni fil-*Carpathians Star Festival* fir-Rumanija u fil-*Prishtina Kids Festival* fil-Kosovo. Lokalment kont finalista f'*Sanremo Junior Malta* u fl-Isfida tal-Kant tal-*Entertainers*, li ntwerew fuq stazzjonijiet tat-TV lokali. Kull tmiem il-ġimgħa inkanta ukoll waqt il-quddiesa. Indoqq ukoll il-pjanu u dalwaqt se nlesti l-eżamijiet tat-teorija u l-prattika tiegħi mat-Trinity Guidhall College, Londra.



*Is-sitwazzjoni tal-Covid-19 għallmitni napprezza l-affarijiet iż-żgħar li normalment kont nieħu bħala ovji. Ħassejt ħafna n-nuqqas tal-kant tiegħi fil-quddies kif ukoll il-kant waqt kunċerti lokali imma l-iktar li ħassejt in-nuqqas tagħhom kienu l-iskola u l-ħbieb tiegħi.*



**Isem:** Jean Carl Muscat
**Età:** 16
**Post:** Munxar
**Bijografija qasira:** Ilni ndoqq il-pjanu għal dawn l-aħħar 8 snin. Bdejt nitgħallem dan l-istrument fl-Iskola tal-*Visual and Performing Arts* f'Għawdex. Dejjem ħabbejt il-mużika u kienet ix-xewqa tiegħi minn meta kont żgħir biex nitgħallem il-pjanu. Peress li l-lezzjonijiet tal-pjanu jsiru darba fil-ġimgħa huwa mportanti ħafna li nipprattika kuljum id-dar wadħi għal numru ta' sigħat sabiex inkun nista' ntejjeb il-ħiliet tiegħi. Apparti l-pjanu, ilni ndoqq it-trumbun għal dawn l-aħħar tliet snin.



*Minħabba l-Covid-19, irnexxieli nsib iktar ħin biex indoqq u anke biex noħloq proġetti żgħar u naqsamhom fuq il-midja soċjali biex nesprimi t-talenti tiegħi fuq pjattaformi diġitali.*



**Isem:** Joseph Azzopardi
**Età:** 32
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Bdejt indoqq il-kitarra ta' 16-il sena. Il-mużika hija parti integrali minn ħajti. Ma tgħaddix ġurnata li ma naqbadx il-kitarra tiegħi biex indoqq jew nipprova noħloq melodija ġdida. Il-mużika tagħtini sodisfazzjon u tgħinni nikkonfronta esperjenzi sbieħ kif ukoll dawk inqas pjaċevoli. Permezz tal-mużika ksibt il-fiduċja u rnexxieli nibni ċirku ta' ħbieb u kuntatti wkoll minn barra minn Malta. Bħalissa ninsab ħerqan ħafna għax wasalt biex nippubblika l-ewwel *album* tiegħi mal-grupp *Upper Lip* kif ukoll biex naħdem fuq proġetti mużikali ġodda.



*Is-sitwazzjoni tal-Covid-19 ħadmet tajjeb f'ċerti aspetti peress li qed insib iktar ħin biex nipprattika minħabba li qed inqatta' iktar ħin id-dar. Madankollu nħoss li l-mużika tinvolvi kollaborazzjoni u trid iddoqq ma' nies oħra, xi ħaġa li bħalissa mhix possibbli. Nemmen li din is-sitwazzjoni għenitna napprezzaw aktar l-arti u kemm l-arti tipprovdi wens lil dawk li għaddejjin minn sfidi diffiċli.*



**Isem:** Mark Laurence Zammit
**Età:** 28
**Post:** Sannat
**Bijografija qasira:** Ix-xogħol tiegħi jinvolvi li naħdem f'kapaċitajiet differenti, bħala ġurnalist, produttur tat-TV, preżentatur, kittieb u kompożitur. Ix-xogħol tiegħi huwa ffokat fuq il-ħolqien ta' spazju ħieles u sigur f'demokrazija fejn in-nies jistgħu jsemmgħu l-opinjonijiet tagħhom u jiddiskutu l-preżent u l-futur ta' pajjiżhom, post fejn in-nies ikunu jistgħu jagħmlu mistoqsijiet u jżommu lill-awtoritajiet eletti responsabbli li jagħtu rendikont tal-agir tagħhom. Huwa wkoll spazju fejn niġġieldu għall-ġustizzja soċjali.



*Kieku ma kienx għall-biża' kontinwu li jien jew xi ħadd mill-familja jew ħbieb tiegħi jimirdu, dan kien ikun żmien meraviljuż. Qattajt iktar ħin mal-familja tiegħi, qrajt aktar kotba, ktibt aktar u tlabt iktar. Personalment, kienet esperjenza paċifika ħafna. Ix-xogħol kien kemxejn aktar diffiċli. L-inġustizzji u l-inugwaljanzi soċjali żdiedu u ħassejna li kellna r-responsabbiltà li nirrispondu l-mistoqsijiet u nkunu l-vuċi tal-preokkupazzjonijiet tan-nies aktar minn qatt qabel f'dan iż-żmien iebes. Xi drabi rnexxielna, f'oħrajn konna nħossuna mpotenti u megħluba. B'mod ġenerali, kienet lezzjoni enormi għalina lkoll.*



**Isem:** Eve Elizabeth Cassar
**Età:** 11
**Post:** Xewkija
**Bijografija qasira:** Bdejt inpitter u npinġi minn età żgħira wara li ġejt ispirata minn missieri li huwa wkoll artist. Inħobb nesperimenta b'diversi medji nkluż żebgħa akrilika, akwarell u żebgħa fuq id-drapp. Kont ħadt sehem f'diversi kompetizzjonijiet tal-arti u rbaħt diversi premjijiet. Fortunata li fid-dar tiegħi għandi spazju għall-istudjo tiegħi fejn diġà kelli l-ewwel wirja żgħira personali tiegħi grazzi għall-*Gozo College Middle School*, fejn nattendi. L-arti għalija hija espressjoni tas-sentimenti tiegħi. L-artisti favoriti tiegħi huma Claude Monet, Vincent Van Gogh u Leonardo da Vinci. Jogħġbuni speċjalment il-pitturi tal-pajsaġġ tal-Amerika ta' Fuq tal-istil ta' Bob Ross. Nispera li nkompli nistudja l-arti u nsir artista professjonali jew disinjatriċi.



*Grazzi għall-Covid-19, għandi iktar ħin id-dar. Tgħallimt ħafna affarijiet ġodda li ma kontx naf qabel u pproduċejt diversi pitturi li tellajt fuq il-midja soċjali. Kelli rispons pożittiv ħafna u dan jinkuraġġini biex nimxi 'l quddiem fit-tfittxija tiegħi għal teknika u ideat ġodda.*



**Isem:** Charlene Attard
**Età:** 31
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Minn età żgħira xtaqt insir għalliema. Kont nilgħab bil-pupi tiegħi, nippretendi li jien l-għalliema tagħhom. Meta kbirt, sirt iktar affaxxinata bil-professjoni tat-tagħlim. Skoprejt il-lingwa Ġermaniża fl-iskola sekondarja u mill-ewwel ingħbidt lejn is-sbuħija tal-lingwa kif ukoll il-kultura tal-pajjiż.

*Il-Covid-19 waqqaf drastikament il-ħajja normali tagħna ta' kuljum u dik tal-iskola. Minflok niltaqgħu mal-istudenti tagħna wiċċ imb'wiċċ, issa qegħdin niltaqgħu prattikament b'mod virtwali. Ma kinitx bidla faċli hekk kif ġiet fuqna f'daqqa u bla mistenni. Qatt ma użajna l-għodod diġitali online qabel, imma ġejna ggwidati u mħarrġa. Illum nistgħu nikkomunikaw mal-istudenti tagħna waqt il-lezzjonijiet online kif ukoll insegwu l-progress tagħhom. Bis-saħħa tat-teknoloġija, il-lezzjonijiet għadhom għaddejjin bl-istess mod daqs li kieku kienu qed isiru ġol-iskola.*






**Isem:** Daniela Spiteri
**Età:** 16
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Jien studenta u ser nibda l-ewwel sena tiegħi fis-6th Form f'Ottubru li ġej. Qed nippjana li nkompli l-istudji tiegħi f'suġġetti tax-xjenza. Indoqq il-klarinett u l-vjaġġ tiegħi bħala mużiċista beda meta bdejt meta nara lil oħti ddoqq il-flawt mas-Soċjetà Filarmonika Mnarja fin-Nadur. Fl-2011 bdejt nistudja t-teorija tal-mużika mal-istess banda taħt il-gwida ta' Mro Dr Joseph Grech. Imbagħad bdejt nipprattika l-klarinett għall-ewwel darba mal-għalliem tiegħi, Marvin Grech. Ilni nitgħallem dan l-istrument għal madwar 6 snin. Ma kienx vjaġġ faċli imma kif jiġri bl-affarijiet kollha, b'impenn u kuraġġ, kollox hu possibbli.

*Is-sitwazzjoni tal-Covid-19 affettwat ħafna ndividwi. Bħala bandista, is-sajf ma jidhirx li ser ikun bħas-soltu. Peress li l-festi tħassru minħabba l-pandemija, mhux se nkun nista' inkun hemm. Kont immur diversi festi ma' gruppi u baned differenti biex ndoqq waqt purċissjonijiet u marċi. Il-lezzjonijiet bħalissa qed isiru online sabiex inkunu nistgħu nkomplu nipprattikaw fuq l-istrumenti tagħna.*





**Isem:** Fiona Formosa
**Età:** 25
**Post:** Għarb
**Bijografija qasira:** Għandi passjoni kbira għall-mużika. Ta' sitt snin bdejt nitgħallem it-teorija mas-Soċjetà Filarmonika Mnarja fin-Nadur. Iddeċidejt li nistudja l-klarinett. Sentejn wara bdejt indoqq mal-Banda Mnarja. Indoqq ukoll ma' baned Għawdxin oħra, u s-sajf tiegħi dejjem mimli. Ħadt sehem f'diversi programmi u kunċerti kif ukoll ma' orkestri taħt surmastijiet differenti. Ħadt sehem ukoll f'opra lokali fl-Għarb. Għal sentejn kont nifforma parti minn orkestra għal din l-opra li tagħmel parti minn festival annwali 'Make Music Great'. Dawn huma kollha esperjenzi li jgħinuni fil-vjaġġ mużikali tiegħi u biex nibni iktar l-fiduċja fija innifsi. Inħeġġeġ ħafna lin-nies ta' kull età biex jingħaqdu ma' gruppi lokali li permezz tagħhom se jkunu qed jikkontribwixxu wkoll għall-komunitajiet lokali.



*Mhux sitwazzjoni sabiħa li sibna ruħna f'din il-pandemija. F'ħin minnhom konna mexjin b'pass mgħaġġel meta f'daqqa waħda sibna ruħna ngħixu ħajja kwieta. Dejjem kont okkupata bil-provi għall-programmi tal-festa jew ir-rekordings, u għalhekk kont nipprattika ta' spiss. Bħalissa, bl-impenji personali u x-xogħol ta' kuljum ma nsibx ħafna ħin biex nipprattika d-dar. Madankollu jien ingħaqadt ma' żewġ klarinettisti oħra u l-għalliem tagħna tana biċċiet ta' mużika x'nipprattikaw u nitgħallmu. Aħna mbagħad nirrekordjaw lilna nfusna u ngħaqqdu l-biċċiet individwali ma' xulxin f'biċċiet li qsamna fuq il-midja soċjali. B'dan il-mod bqajna nipprattikaw u ħassejna li għandna nkunu sodisfatti bir-riżultati tagħna. Ma kinitx bidla tal-ħajja faċli, iżda issa nistgħu napprezzaw aktar is-sbuħija tal-ħajja.*





**Isem:** Marielise Abela
**Età:** 23
**Post:** Għarb
**Bijografija qasira:** Il-mużika kienet dejjem preżenti f'ħajti speċjalment għaliex missieri kien ukoll mużiċist, u għalhekk bdejt inħobb il-mużika minn età żgħira. Fl-età ta' 7 snin, attendejt l-Iskola tal-Mużika ta' Għawdex u iktar tard bdejt indoqq il-klarinett mal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni fl-Għarb fejn ilni nvoluta għal 15-il sena. Bdejt nistudja l-klarinett taħt id-direzzjoni ta' Mro. George Debono, komplejt ma' Mro. George Apap, u fl-aħħar mas-Sur Marvin Grech. Huwa passatemp li jirrikjedi ħafna responsabbiltà, determinazzjoni u prattika. Nipprova nipprattika kuljum anke jekk biss għal ftit minuti. Dejjem jimlini bis-sodisfazzjon meta jirnexxieli ndoqq biċċa ġdida jew meta ndoqq f'kunċerti differenti.



*Is-sitwazzjoni tal-Covid-19 ġiet fuqna bla mistenni u ħajti inbidlet kompletament kemm fil-professjoni tiegħi bħala għalliema, kif ukoll f'impenji oħra ppjanati li kelli ma' baned lokali. Nipprova nħares lejha b'mod pożittiv u b'iktar ħin liberu, sibt ruħi nipprattika aktar. Ingħaqadt ma' sħabi oħra tal-banda billi bdejna ndoqqu biċċiet differenti, kull wieħed minna mill-kumdità ta' djarna. Huwa ta' sodisfazzjon kbir meta tara li l-biċċiet li konna qed nistudjaw fl-aħħar jingħaqdu flimkien bħala biċċa waħda ta' suċċess. M'għandniex xi ngħidu, differenti ħafna milli kieku niltaqgħu personalment fil-każini tal-banda għall-provi imma xorta ppruvajna nżommu mentalità pożittiva. Nemmen li din is-sitwazzjoni għenitna bħala mużiċisti biex niffokaw fuq il-ħiliet tagħna stess, biex inkunu aħjar u dan jurina li l-mużika xorta tista tgħaqqadna bil-mod kif għamlet qabel, irrelevanti x'inhi s-sitwazzjoni.*



**Isem:** Darren Cassar
**Età:** 16
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Peress li missieri huwa fotografu, dejjem kont affaxxinat bil-kameras u l-apparat li juża. Kont ngħinu ħafna meta kont żgħir, nissetja id-dwal u nittestjhom fuqi. Jum wieħed fl-2015 morna l-*Marsa Power Station* li illum il-ġurnata spiċċat u kien ġab kamera sempliċi u kont ħadt gost nieħu r-ritratti dakinhar. Minn dik il-ġurnata żdied iktar l-interess u bdejt ngħinu. Kien jeħodni għall-photo shoots u avvenimenti tiegħu u dejjem jgħallimni. Inqatta' wkoll kull minuta libera li jkolli fuq YouTube infittex l-informazzjoni u ngħallem lili nnifsi. Issa nifforma parti attiva fin-negozju tal-familja tagħna, nassisti lil missieri u anke nieħu ħsieb l-avvenimenti tiegħi stess u namministra l-klijenti tiegħi stess.



*L-avvenimenti kollha issa huma kkanċellati minħabba l-Covid-19 u għalhekk l-unika ħaġa li qed nagħmel hija li nirrevedi l-arkivji tiegħi u nippubblika mill-ġdid xi wħud mill-kontenut. Qed nipprova wkoll intejjeb il-ħiliet tiegħi fis-suq, nipprova nitgħallem aktar dwar is-software li nuża, u niżgura li nibqa' spirat bħala ndividwu kreattiv.*





**Isem:** Mark Attard
**Età:** 14
**Post:** Xewkija
**Bijografija qasira:** Jien student tal-Form 4 fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Dejjem ħabbejt il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħna. Meta indunajt li ħafna tfal u żgħażagħ m'għandhomx għarfien dwar il-leġġendi Maltin u Għawdxin bdejt nixtri kotba dwar dawn l-istejjer tradizzjonali u naqrahom. Fi sforz biex inżomm dawn l-istejjer ħajjin iddeċidejt li nibda programm fuq Radju Prekursur, ir-radju tal-komunità tagħna fix-Xewkija. Bħala żagħżugħ, inħoss li hi r-responsabbiltà tiegħi li nżomm l-aspetti kulturali kollha ħajjin biex anke ngħaddihom lill-ġenerazzjoni tagħna.



*Il-pandemija tal-Covid-19 affettwat ix-xandir tiegħi billi ma stajtx inkompli bil-programmi tar-radju tiegħi. Madankollu tatni iktar ħin biex naqra leġġendi li kont għadni ma qrajtx. Bl-għajnuna tal-Iskola Seminarju Minuri u l-Aġenzija Żgħażagħ ħloqt filmati dwar leġġendi interessanti li kienu jitpoġġew fuq l-internet.*



**Isem:** Matthew Attard
**Età:** 20
**Post:** Xewkija
**Bijografija qasira:** Jien seminarista, bħalissa fit-tieni sena ta' formazzjoni tiegħi. Din il-pandemija wasslitna biex niskopru modi ġodda kreattivi ta' komunikazzjoni man-nies ta' madwarna. Hija Mark ħareġ bl-idea li joħloq filmati li fihom naqraw silta jew ktieb bil-għan li nippromwovu l-importanza tal-qari, speċjalment matul dan iż-żmien diffiċli. Ix-xogħol tiegħi f'dan il-proġett kien jikkonsisti fl-iffilmjar tal-vidjows u l-editjar.



*Il-Covid-19 affettwa ftit jew wisq lil kulħadd. Din il-pandemija għamlitni aktar konxju tal-fraġilità tal-ħajja li qed ngħixu. Filli ngħixu r-rutina normali tagħna u filli f'daqqa waħda ma kellna mkien fejn immorru. Minn perspettiva iktar pożittiva, din il-pandemija tatni iktar ħin biex nipprattika l-passatempi tiegħi speċjalment video editing.*





**Isem:** John Henry Meilak
**Età:** 27
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Gradwajt fl-Istitut Awstraljan tal-*Fitness*, ksibt *Certificate 3 in Fitness* (*Group Instructor*), *Certificate 4 in Fitness* (*Personal Trainer*), *Master Trainer Certificate* u anke *Punch Fit Certificate* (*Boxing Basics*). Jien ukoll kompetitur tal-irġiel għad-dehra fiżika, xi ħaġa li għenitni nżid mal-esperjenzi tiegħi. L-għan tiegħi hu li ngħin lill-oħrajn jilħqu l-għanijiet tagħhom stess ta' saħħa personali (telf ta' xaħam/piż, taħriġ ta' reżistenza/qawwa, taħriġ ta' ipertrofija/żieda fil-muskoli eċċ.) billi noffrilhom servizz divertenti, organizzat sew u professjonali. Ix-xewqa tiegħi hija li nġegħlhom iħossuhom parti minn xi ħaġa ikbar u li ngħinhom jidħlu fid-dinja tal-*fitness* li nisperaw li tħallihom igawdu ħajjithom kemm jista' jkun.



*Il-Covid-19 mhux li affettwani daqshekk. Qed naħdem mid-dar fil-mument, mnalla għandi t-tagħmir neċessarju biex inkun nista' nagħmel dan. Jien għadni wkoll nsegwi r-rutina personali tiegħi tat-taħriġ. Fir-rigward tal-klijenti kollha tiegħi bħala trainer personali tagħhom, ftit jagħmlu sessjonijiet privati online miegħi, filwaqt li xi wħud isegwu s-sessjonijiet tiegħi mis-serje 'Home Workouts' online. Kif nirrifletti fuq is-sitwazzjoni preżenti? Naraha bħala opportunità ta' bidu ġdid, imma xorta ċert li daqt nerġgħu għan-normal jekk jirnexxielna nissaportu ftit.*



**Isem:** Maria Camilleri
**Età:** 20
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Ilni interessata f'kull ħaġa relatata mal-arti minn meta kont żgħira. Minn dejjem kelli l-arti bħala suġġett ewlieni fl-iskola, iżda dawn l-aħħar 3 snin, bdejt nesperimenta bl-arti diġitali billi l-istudju tal-baċellerat tiegħi huwa prinċipalment ibbażat fuq din it-tip ta' midja. Minbarra l-inkarigi relatati mal-istudju, niġi mqabbda nagħmel bosta xogħlijiet oħra, prinċipalment *branding* kif ukoll ħolqien ta' *logos*, *posters*, reklami, disinjar ta' *web apps* u anke xi affarijiet oħrajn.



*Il-Covid-19 affettwani ftit ħafna se niggradwa din is-sena. Probabbilment ikun diffiċli ħafna li nsib impjieg; madankollu, billi naħdem bil-midja diġitali, xorta waħda ninsab impenjata ħafna bil-ħolqien u d-disinjar ta' materjal ġdid.*





**Isem:** Eman Borg
**Età:** 25
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Bdejt l-attiviżmu tiegħi f'età żgħira permezz tax-xandir. Ta' ħmistax, kont kofondatur tal-ewwel klabb tar-*rugby* f'Għawdex u 4 snin wara waqqaft l-LGBTI+ Gozo. Fl-2016, ġejt elett fil-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ f'Malta fejn servejt ukoll bħala Segretarju Ġenerali. Fl-2017, ġejt mogħti l-*Queen's Young Leaders Award* u kelli l-unur li niltaqa' mal-Maestà Tagħha. Permezz ta' dan l-impenn, issa jien konsulent taż-żgħażagħ fi ħdan il-*Queen's Commonwealth Trust* u l-Ambaxxatur Malti taż-Żgħażagħ għall-Commonwealth.



*Il-Covid-19 ma kienx fil-pjanijiet tiegħi għall-2020. Din is-sena kienet se tkun waħda pjuttost impenjattiva. Kelli nivvjaġġa lejn il-Kolumbja u r-Rwanda biex nirrappreżenta lil Malta f'żewġ konferenzi differenti. L-Università kellna naddattaw it-tagħlim tagħna fuq l-internet, u bħala attivist, numru ta' avvenimenti tagħna kellhom jiġu trasferiti online jew posposti. Dan ifisser li qed inqatta' ħafna ħin bilqiegħda. Dan huwa żmien diffiċli, speċjalment għal xi ħadd bħali li kien dejjem għaddej. Iżda minħabba l-COVID-19, il-ħin tiegħi kellu jsir iktar strutturat u organizzat. Sibt ħin biex nerġa' nibda naqra għall-pjaċir u napprezza l-ħin għalija nnifsi waqt li qed nagħmel xi eżerċizzji biex inżomm ġismi attiv. Filwaqt li l-Covid-19 qed iżommna ġewwa, huwa l-mod kif nagħżlu li nqattgħu l-ħin tagħna tul daż-żmien li jimporta l-aktar.*



**Isem:** Fabian Galea
**Età:** 34
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Bdejt inkanta minn età bikrija u bdejt l-studji fil-vuċi klassika fl-Iskola tal-Mużika Johann Strauss mal-mezzo-sopran Sinjura Claire Massa u aktar tard mas-sopran Bulgara Andriana Yordanova. Ħadt sehem f'diversi produzzjonijiet lokali tat-teatru mużikali. Jiena membru tal-Kor Animae Gospel immexxi minn Pamela Bezzina. Jien ukoll membru tal-Chorus Urbanus taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea kif ukoll kantant residenti mad-*DCapitals Big Band* immexxija minn Mro. George Apap. Il-prattika hija essenzjali madankollu l-aħjar esperjenzi huma l-provi billi titgħallem ħafna minnhom. Tieħu gost mal-ħbieb kantanti tiegħek u tħossok ukoll parti minn xi ħaġa ikbar. Dan jagħtik sens ta' appartenenza u meta kunċert jiżvolġi b'suċċess itik sens ta' sodisfazzjon kbir ħafna.



*Suppost l-2020 kellha tkun sena mimlija daqs bajda bi prestazzjonijiet li kienu jinkludu musicals, kunċerti live mal-grupp tiegħi u ħafna vjaġġar, imma ħafna minnhom ġew ikkanċellati minħabba din il-pandemija. L-akbar diżappunt tiegħi huwa l-posponiment tal-musical "Sister Act" fit-Teatru Astra. Kellna nieqfu mill-provi propju qabel ma dħalna fil-ġimgħa tal-produzzjoni, li m'hemmx għalfejn ngħidu, kienet diżappunt kbir għal dawk kollha nvoluti. Diżappunt ieħor kien il-posponiment ta' avvenimenti, tiġijiet u l-kunċert annwali mad-DCapitals Big Band minħabba din il-pandemija. Waqt li nibqa' ġewwa, il-kant huwa l-aqwa terapija tiegħi u qed iżommni għaddej!*





**Isem:** Stefan Scerri
**Età:** 17
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Bdejt nitħarreġ bir-rota madwar tliet snin ilu imma sa minn età żgħira dejjem kont niġri barra bir-rota tiegħi għax kont nieħu gost u biex niltaqa' ma' sħabi. Wara ddeċidejt li nibda taħriġ f'livell kompetittiv. Illum nista' ngħid li kienet deċiżjoni għaqlija ħafna li ħadt hekk kif iltqajt ma' nies ġodda u tgħallimt ħafna affarijiet. Minbarra ċ-ċikliżmu ndoqq ukoll il-vjolin. Fl-opinjoni tiegħi huwa strument kumpless ħafna biex titgħallem iddoqqu imma tassew jgħinek tidħol iktar fil-mużika u titgħallem dwar ġeneri ġodda peress li tistudja diversi biċċiet mużikali miktuba minn kompożituri famużi differenti. Issa qed nippjana li nibda d-diploma fl-istudji tal-vjolin.



*Matul il-pandemija tal-Covid-19 kelli iktar ħin biex nitħarreġ u nipprattika d-dar flimkien mal-istudji l-oħrajn tiegħi.*



**Isem:** Martha Scerri
**Età:** 17
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Kont ġennint lil ommi biex nibda l-lezzjonijiet tal-pjanu. Ilni ndoqq il-pjanu mis-sajf li kont dieħla fit-tieni sena tal-primarja. Kelli biss ħames snin li jfisser li ilni nistudja t-teorija u l-prattika għal 12-il sena! Irnexxieli nispiċċa Grade 8 kemm fil-prattika kif ukoll fit-teorija, li kien pjuttost diffiċli, peress li xi drabi kelli nibbilanċja l-istudju tal-iskola mal-prattika jew teorija tal-pjanu. Xi drabi kont tassew stressjata, u ma kienx faċli għalija li intemm il-gradi. Sfortunatament, illum jien ma nsibx il-ħin biex nipprattika daqs kemm irrid, peress li x-xogħol tal-iskola tant huwa impenjattiv. Il-prattika tinvolvi xogħol iebes u xi drabi hija pjuttost stressanti. Madankollu, huwa rilassanti ħafna meta ddoqq għall-pjaċir. Nieħu gost indoqq biċċiet ta' mużika minn *films* jew kanżunetti popolari.



*B'xorti tajba i-Covid-19 ma fixkilx il-lezzjonijiet tal-mużika tiegħi, peress li kont għadni kemm spiċċajt minnhom. Fl-istess ħin, tani iktar ħin biex ndoqq, speċjalment dawk il-biċċiet li nħobb u nieħu gost indoqq.*





**Isem:** Maria Scerri
**Età:** 14
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Bdejt nitgħallem indoqq il-pjanu meta kelli 6 snin u għadni nitgħallem sal-lum. Qed nistudja l-*Grade 8* fit-teorija u *Grade 7* fil-prattika. Nattendi lezzjonijiet darba fil-ġimgħa. Meta kelli 8 snin bdejt ninnota li kelli ħafna ħin liberu u ddeċidejt li nibda nitgħallem strument ieħor. Għażilt il-vjolinċell għax il-ħoss rilassanti tiegħu jogħġobni ħafna. Issa wasalt fil-*Grade 6* tal-istudji tiegħi f'dan l-istrument u ninsab ħerqana li nieħu sehem f'aktar kunċerti. Indoqq ukoll mal-*Gozo Youth Orchestra*.



*F'din is-sitwazzjoni tal-Covid-19, għandi ħafna ħin biex intejjeb l-istudji tiegħi u nsib biċċiet mużikali ġodda x'indoqq. L-eżami tat-teorija tiegħi kien se jsir fid-9 ta' Mejju u l-eżami tal-vjolinċell kien se jsir fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu. Ħadt vantaġġ minn din is-sitwazzjoni biex nipprova ntejjeb il-prestazzjonijiet tiegħi. Għandi lezzjonijiet tal-pjanu u vjolinċell darba fil-ġimgħa online. Qed nieħu vantaġġ mill-midja soċjali billi ndoqq il-vjolinċell ma' ħuti u ntellgħu l-vidjows fuq Facebook. Jien u l-ħbieb tiegħi nitkellmu flimkien online kuljum fuq Messenger. Tassew nimmisja li niltaqgħu ma' xulxin imma dan is-sagrifiċċju huwa kollu għall-ġid.*



**Isem:** Simon Rapa
**Età:** 15
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Bdejt neditja l-vidjows madwar sena ilu biex nipproduċi xi artikli qosra. L-editjar huwa passatemp li jirrikjedi ħafna ħin u paċenzja sakemm tidraħ u titgħallem kif tkun tista' toħloq il-prodott finali li tixtieq. Apparti minn dan, ilni nistudja l-pjanu għal dawn l-aħħar tmien snin. Ilni wkoll indoqq it-trumbetta sitt snin.



*"Għal dawn l-aħħar tliet xhur kelli iktar ħin biex nipprattika d-delizzju tiegħi peress li ma konniex qed nattendu skola. Permezz ta' vidjows dwar nies, gruppi u organizzazzjonijiet differenti stajt noħloq materjal biex inkun nista' naqsmu mal-pubbliku fuq il-midja soċjali u nilħaq lil mużiċisti kif ukoll lil kull min għandu xi tip ta' passatemp. L-ewwel filmat tiegħi kien għall-Kor Ulied il-Battista li kien segwit minn diversi vidjows oħra għall-kantanti, mużiċisti u korijiet u anke xi dokumentarji u ntervisti għall-parroċċa tax-Xewkija."*





**Isem:** Joseph Mallia
**Età:** 22
**Post:** Żebbuġ
**Bijografija qasira:** Ilni Kuntistabbli tal-Pulizija għal kważi erba' snin. Matul dan iż-żmien, qdejt bħala uffiċjal fil-komunità. Naħdem mill-qrib mal-pubbliku, ninvolvi ruħi u nipprovdi appoġġ b'kull mod possibbli. Dawn id-dmirijiet jiddefinixxu xi jfisser li tkun pulizija. Meta applikajt għall-ewwel darba biex nissieħeb fil-korp, l-għarfien tiegħi dwar ix-xogħol tal-pulizija kien pjuttost ristrett. Illum il-ġurnata, qed nifhem kemm hu vast, u ninnota li forsi n-nies mhux dejjem japprezzaw dak li nagħmlu. Xogħol ta' pulizija mhux dejjem faċli, u jista' jkun ta' riskju. Minkejja dan, iġorr element ta' avventura u kuljum huwa esperjenza ġdida.



*"Il-Covid-19 affettwa l-ħidma tagħna b'mod konsiderevoli kemm mill-aspett kriminali kif ukoll mill-preżentazzjoni tar-rapporti. Kellna niżguraw li l-miżuri kollha fis-seħħ kienu qed jiġu segwiti sabiex jiġi kkontrollat it-tixrid tal-virus. Meta noħorġu biex ninvestigaw xi rapport, inħossuna mħassba dwar dak li se nsibu. Waqt il-pandemija kellna nieħdu prekawzjonijiet żejda minħabba l-virus, filwaqt li għamilna wkoll verifiki fuq nies kwarantina biex niżguraw li dak kollu meħtieġ kien qed isir għall-kontroll tat-tixrid. Nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn il-pubbliku għall-koperazzjoni tagħhom fi żmien daqstant diffiċli."*



**Isem:** Elena Attard
**Età:** 17
**Post:** Fontana
**Bijografija qasira:** Dejjem kont nieħu gost naqra u nintilef fil-kotba. Madankollu, jiena u nikber irrealizzajt li d-dinja hija differenti minn dik li bnejt fl-immaġinazzjoni tiegħi stess. Minkejja dan, xorta waħda hija vibranti u interessanti ferm. Bdejt nesplora ġeneri differenti ta' qari, fosthom kotba mhux fittizji. Permezz ta' artikli u ġurnali li qrajt, bdejt nieħu interess fix-xjenzi soċjali, u għaraft l-importanza tal-attiviżmu. Fittixt programmi bħal MEP Malta, li jipprovdi pjattaforma għaż-żgħażagħ biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom waqt li jitgħallmu varjetà ta' ħiliet bħal dibattitu u taħdit fil-pubbliku. Il-kliem għandhom is-setgħa li jbiddilna. Nikteb kull meta niltaqa' ma' okkażjoni li tiġbidli l-interess bħal ma huma l-kompetizzjonijiet u l-avvenimenti ta' madwari. Nipprattika billi naqra dak kollu li nista', nitkellem u niddiskuti ma' nies differenti u nistaqsi ħafna mistoqsijiet.



*Minħabba l-Covid-19, kelli l-opportunità li nieħu sehem f'dan il-proġett, inizjattiva tassew sabiħa. Kelli iktar ħin biex nikteb, iżda tlift ukoll is-sessjoni internazzjonali tal-MEP, li kont verament ħerqana għaliha. Kellha tkun opportunità biex tgħinni nipproġetta l-vuċi tiegħi fuq livell internazzjonali. Applikajt għal kompetizzjonijiet differenti u ngħaqadt ma' organizzazzjonijiet differenti biex inżomm ruħi attiva u nimmotiva ruħi biex inkompli nikteb. Il-Covid-19 tani ħafna ħin waħdi biex nistaqsi lili innifsi x'verament irrid nagħmel bil-kumplament ta' ħajti u għal xiex nixtieq niddedikaha. Ċertament bdejt nirrealizza kemm il-ħajja hija fraġli u prezzjuża kif ukoll napprezza l-ħajja. Il-Covid-19 għeni wkoll nifhem l-importanza tal-kuntatt fiżiku u r-relazzjonijiet mal-ħbieb u l-familja estiża.*





**Isem:** Samuel Farrugia
**Età:** 23
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Fl-arti tiegħi, dejjem fittixt li nuri d-dettall f'oġġetti, nies jew affarijiet ħajjin; l-uniċità u l-ħajja tagħhom. Bdejt inħażżeż dak kollu li stajt nara jew immiss minn mindu rnexxieli nżomm lapes f'idejja għall-ewwel darba. L-edukazzjoni qatt ma ħadmet għalija peress li għandi d-*dyslexia* u l-iskola kienet iebsa għalija. It-tpinġija kienet l-unika ħaġa li kienet iġegħelni nħossni kunfidenti propjament għaliex kont ninqala' biex inpinġi. L-għaxqa tiegħi inlaqqat detenzjoni l-iskola għaliex kienet tkun opportunità għalija biex noqgħod inpinġi jew bil-moħbi nnaqqax fuq l-imwejjed. Fl-età ta' tmien snin, bdejt nattendi l-Iskola tal-Arti f'Għajnsielem ma' Vince Caruana. Imbagħad ħadt lezzjonijiet fi studjo li jismu Graham Gurr. Bħalissa xogħli huwa li noħloq u niddisinja oġġetti ta' ġojjellerija fil-ħanut ta' missieri f'Ta' Dbieġi.



*Waqt il-pandemija tal-Covid-19 kelli iktar ħin f'idejja hekk kif missieri kellu jagħlaq il-ħanut għal ftit żmien. Dan ippermettieli li noħloq u nagħmel affarijiet differenti, li qabel ma kellix ħin u l-opportunità biex nagħmel.*



**Isem:** Josianne Cutajar
**Età:** 30
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Minn età żgħira kont nemmen fl-importanza tal-attiviżmu. Meta kont għadni studenta tal-liġi, ikkontestajt b'suċċess l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fir-raħal tiegħi, in-Nadur, fejn servejt bħala Kunsillier u Mexxej tal-Minoranza għal żewġ leġiżlaturi konsekuttivi. Kont attiva wkoll f'diversi rwoli fi ħdan il-Partit Laburista matul is-snin. L-ikbar pass importanti tiegħi s'issa, kien li ġejt eletta bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Bħala l-ewwel Għawdxija li ġejt eletta bħala Membru Parlamentari Ewropew u bħala l-iżgħar qatt eletta mill-gżejjer tagħna s'issa, għandi messaġġ ta' motivazzjoni li nixtieq ngħaddi lill-ġenerazzjoni żagħżugħa tagħna.



*Matul dan il-perjodu tal-Covid-19, tlift il-kuntatt personali mal-familja, ħbieb, kollegi u kostitwenti tiegħi. Kellna naddattaw b'mod qawwi u drastiku għaċ-ċirkostanzi u x-xogħol baqa għaddej, iktar virtwali minn qatt qabel. Dan huwa pass essenzjali jekk irridu nkunu hemmhekk għaċ-ċittadini tagħna b'mod kontinwu, speċjalment f'dawn iż-żminijiet ta' sfida. Fiċ-ċirkostanzi attwali, qed napprezza iktar minn qatt qabel il-valuri tal-ħajja.*





**Isem:** Christoph Schwaiger
**Età:** 24
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Bħalissa qed naħdem bħala ġurnalist ma' Newsbook.com.mt. Bdejt nikkontribwixxi artikli relatati max-xjenza fl-2016 qabel mort għall-kitba *full-time*. L-oqsma ewlenin ta' interess tiegħi huma l-politika lokali, is-saħħa u l-edukazzjoni. Nieħu gost naħdem hekk għaliex tasal biex titgħallem dwar suġġetti differenti u tiltaqa' ma' nies interessanti tul il-ħidma. L-*islogan* tal-Washington Post huwa "Democracy dies in darkness". Naħseb li dan jiġbor fil-qosor l-importanza ta' ġurnaliżmu tajjeb u indipendenti. Din is-sena Malta ikklassifikat 81/180 fl-*RSF World Press Freedom Index*. Mhux dejjem faċli li tkun ġurnalist hawn, imma fl-istess ħin ix-xogħol huwa wkoll ta' sodisfazzjon kbir.



*Il-pandemija tal-Corona virus kienet l-akbar storja tal-aħbarijiet globali tal-2020. L-artikli li qed nikteb bħalissa huma relatati prinċipalment mal-kriżi li għaddejja. F'Malta, il-ġurnalisti kisbu viżibbiltà matul l-aġġornamenti dwar il-COVID-19 hekk kif in-nies setgħu jarawhom u jisimgħuhom jistaqsu l-mistoqsijiet. Matul il-pandemija żdiedu s-sigħat li ħdimt mid-dar sabiex innaqqas il-kuntatt fiżiku man-nies. Il-virus kellu impatt fuq l-industrija tal-midja billi kien hemm tnaqqis fir-reklamar li huwa sors ewlieni ta' dħul għal numru ta' kumpaniji tal-media. Naħseb li l-ġurnalisti kellhom irwol importanti peress li setgħu jesponu l-miżinformazzjoni filwaqt li jipprovdu pariri siewja lin-nies dwar kif jibqgħu siguri f'dawn iż-żminijiet.*



**Isem:** Christian Sacco Xerri
**Età:** 34
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Jien persuna pożittiva ħafna, dejjem bi tbissima u inħobb nappoġġja u ngħin lill-oħrajn. Dejjem infittex li ninvolvi ruħi fl-arti tal-ispettaklu billi din tagħtini sodisfazzjon u timlieni bil-ħajja. Bdejt niżfen minn età żgħira ma' kumpaniji differenti. Irrappreżentajt ukoll lil Malta f'wirjiet differenti barra minn xtutna. Dejjem ħassejt il-bżonn li niżfen billi ż-żfin joffrili spazju fejn niġġieled l-isfidi tal-ħajja, insaħħaħ l-istima personali tiegħi u l-kunfidenza fija innifsi filwaqt li negħleb l-ansjetajiet tiegħi. Erba' snin ilu waqqaft it-*3Rio Għawdex Dance Company* li tirrappreżenta lill-familja tiegħi u dik Għawdxija. Dawn kollha mlewni b'rieda qawwija biex nemmen iktar f'individwi oħra u permezz taż-żfin bdejt nappoġġja nies oħra li jistgħu jkunu għaddejjin minn żminijiet ta' sfidi jew li jsofru minn dwejjaq, problemi jew mard tas-saħħa mentali.





*Minħabba Covid-19 kelli nikkanċella wieħed mill-ispettakli ewlenin taż-żfin li kont se nagħmel flimkien ma' kumpaniji taż-żfin Għawdxin oħra biex niġbor fondi għal tifel li jien sponsor tiegħu fl-Indja li għandu bżonn operazzjoni ewlenija minħabba diżabilità. Kellna kollox ippreparat u għalhekk kien diffiċli ħafna. Din il-pandemija affettwatni wkoll mentalment peress li jien persuna fuq ruħi ħafna. Komplejt nipprattika u ffukajt ukoll fuq it-teżi tiegħi. Kelli l-opportunità nirrifletti iktar fuq in-natura u stajt nara li d-dinja qed titfejjaq bil-mod u l-annimali huma aktar ħielsa. Qed napprezza wkoll il-ħin li qed inqatta' mal-familja tiegħi.*



**Isem:** Sylvana Cardona
**Età:** 25
**Post:** Kerċem
**Bijografija qasira:** L-isfidi li ffaċċjajt, kemm jekk fuq livell personali kif ukoll professjonali, għallmuni nkun dixxiplinata u perseveranti. Issaħħet ukoll il-fiduċja tiegħi fija nnifsi, u fl-opinjoni tiegħi dan serva ta' xprun biex nibqa' nsegwi l-ħolm tiegħi. Per eżempju, għalija dejjem kienet sfida li nkun kapaċi nippreżenta lili nnifsi quddiem udjenza biex naqsam it-talenti tiegħi magħhom. Li nkun kapaċi naqsam l-imħabba li għandi għall-mużika billi negħleb il-biża' u l-ħsibijiet negattivi kien ta' sodisfazzjon kbir għalija. Il-messaġġ tiegħi lill-qarrejja huwa biex ikomplu jemmnu fihom infushom għax kulħadd huwa ta' valur.



*Il-Covid-19 ġabet magħha bidla globali drastika. Din il-bidla kienet teħtieġ adattament li mhux dejjem faċli; speċjalment meta r-rutina normali kellha tinbidel ħesrem. Din il-pandemija għaddietni minn realtà ta' sfidi differenti li rrid niffaċċja bħala ħaddiema soċjali. Li taħdem f'qasam mediku, f'sala ġerjatrika, qrib pazjenti vulnerabbli qatt ma kien faċli. Matul dan il-perjodu, irrejalizzajt li f'dawn iż-żminijiet diffiċli ta' biża' u nċertezza, l-isfidi li tiffaċċja jsaħħuk u jgħinuk tilħaq il-potenzjal massimu tiegħek.*



**Isem:** Jonathan-George Grima
**Età:** 24
**Post:** Kerċem
**Bijografija qasira:** Kont nistudja t-tejorija tal-mużika u ndoqq il-pjanu għal madwar għaxar snin qabel ma skoprejt il-mużika elettronika u għalhekk kont diġà familjari mal-kunċetti tal-*keys* u tat-tempo li huma komuni għall-istili kollha tal-mużika. Kelli xorti li indoqq f'għadd ta' *clubs* ewlenin kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex u kelli xorti tajba biżżejjed li indoqq ukoll fl-Italja, is-Slovenja u r-Renju Unit. Hemm ħafna fatturi li għandek tikkunsidra bħala DJ: l-għarfien ta' dak li trid il-folla, l-għażla tad-diski, trid timmaniġġja l-livell ta' enerġija fil-kamra, u naturalment, trid tkun taf tuża t-tagħmir u l-apparat tiegħek. Kull avveniment huwa differenti u għalhekk il-karriera ta' DJ hija kombinazzjoni ta' kif tipprattika u tibni r-repertorju ta' ħiliet tekniċi tiegħek u kemm tkun lest tieħu riskji kkalkulati. Hija kurva ta' tagħlim. Kull żball huwa wkoll lezzjoni.



*Il-COVID-19 kien żmien partikolarment ħażin għall-industrija tal-mużika f'Malta primarjament minħabba li l-istabbilimenti kollha huma magħluqin kawża tal-miżuri tad-distanza soċjali. Min-naħa l-oħra rnexxieli nsib il-ħin biex inqatta' żmien fl-istudjo tiegħi noħloq affarijiet ġodda, avolja xejn ma jikkompara ma' dak li tħoss meta ssib ruħek quddiem folla ukulħadd jiżfen għal dak li nkun qed indoqq. Finalment, irnexxieli wkoll nispiċċa narma l-parti l-kbira tal-istudjo tiegħi kif suppost minħabba li qed inqatta' ħafna ħin id-dar.*





**Isem:** AnnMarie Azzopardi
**Età:** 27
**Post:** Kerċem
**Bijografija qasira:** Minn età żgħira, kien jinteressani ħafna l-*make-up* għax kien xi ħaġa li ħassejtni komda nagħmel. Dejjem kien xi ħaġa li tgħallimt waħdi, sakemm fl-2018, iddeċidejt li nsegwi l-ħolma tiegħi u nkompli nistudja dwar il-ġilda, il-wiċċ u l-irtokk billi nagħmel kors intensiv. Wara li kkwalifikajt mill-*Vocational Training Charitable Trust* (VTCT), issa nista' ngħid li jien artista tal-*make-up* professjonali. Inkun ta' spiss fuq il-midja soċjali nfittex li nkompli nispira lili nnifsi. Bħala artista tal-*make-up*, nispeċjalizza f'okkażjonijiet speċjali, *make-up* tat-tiġijiet, *make-up* naturali u ħafna aktar. Nipprova nkun krejattiva u ffukata kemm jista' jkun. Nagħmel l-almu tiegħi biex nkun professjonali ħafna fil-linja tax-xogħol tiegħi u nagħmel sforz biex narahom kuntenti bir-riżultat.



*Minn meta laqtet il-pandemija tal-Covid-19, kellha impatt kbir fuq id-dinja tax-xogħol u ħafna ġew milquta minnha. Is-salons ingħalqu u jien kelli iktar ħin liberu matul il-ġimgħa. Il-'make-up' huwa xi ħaġa li nħobb nagħmel u minkejja li ma kelli mkien fejn immur iddeċidejt li napplika tipi differenti ta' rtokk fuqi nnifsi u rajt li kienet idea tajba u li ta' min naqsamha ma' ħaddieħor. Għamilt ħafna vidjos biex niggwida lill-pubbliku u ngħinhom japplikaw il-'make-up' b'mod addattat għad-dehra tajba tagħhom. Il-Covid-19 mhux biss ġab biża' u ansjetà, imma tana wkoll ħafna ħin biex naħsbu u nagħmlu l-affarijiet li nħobbu nagħmlu u naqsmuhom ma' oħrajn.*



**Isem:** Daphne Delicata
**Età:** 13
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Bdejt nistudja l-pjanu fl-età ta erba' snin ma' missieri, u mill-ewwel sirt inħobb dan l-istrument. Biex titgħallmu strument diffiċli mhux ħażin u jinvolvi ħafna prattika ta' kuljum. Ksibt id-diploma ARSM fl-età ta' għaxar snin, id-diploma LTCL fl-età ta' tnax u anke daqqejt f'ħafna pajjiżi, fosthom l-Italja, ir-Renju Unit, Vjenna, ir-Russja u l-Carnegie Hall fi New York, kemm bħala artista solo kif ukoll ma' orkestra. Daqqejt ukoll fit-Teatru Manoel fil-Belt Valletta u għall-President ta' Malta f'San Anton. Is-sena li għaddiet kelli prova għall-Iskola Yehudi Menuhin fir-Renju Unit u kont kuntenta ħafna meta sirt l-ewwel Maltija li qatt ġejt aċċettata. Huwa diffiċli li tkun 'il bogħod mill-familja iżda l-iskola nieħu pjaċir u ltqajt ma' ħafna student bravi oħra minn madwar id-dinja kollha. Irrid insir pjanista professjonali. Inħobb ukoll l-arti u nieħu pjaċir inpinġi.



*Nistudja fir-Renju Unit fl-Iskola Yehudi Menuhin, skola għal dawk li jixtiequ jsiru mużiċisti professjonali. L-iskola kellha tagħlaq minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u issa qed insegwi l-lezzjonijiet online. Inħoss ħafna n-nuqqas tal-ħbieb tiegħi imma fl-istess ħin kuntenta għax naf li huma kollha siguri d-dar. Qabel għalaqna konna qed nippreparaw biex immorru tour ġewwa l-Iskozja biex indoqqu f'diversi postijiet imma sfortunatament dan kollu kellu jiġi pospost. Din is-sitwazzjoni tista' iġġiegħel in-nies iħossuhom waħedhom, speċjalment l-anżjani tagħna li jkollhom jibqgħu d-dar biex ikunu siguri. Għalhekk iddeċidejt li naqsam il-mużika tal-pjanu tiegħi fuq Facebook bħala l-mod tiegħi biex nagħti xi ħaġa lura lill-komunità.*





**Isem:** Daniel Cassar
**Età:** 16
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Bħalissa qed nistudja n-*Networking* fl-MCAST f'Għawdex. Bdejt nipprattika l-mużika meta kelli ħdax-il sena. L-ewwel bdejt b'*mixer* irħis u programmi b'xejn fil-kamra tas-sodda tiegħi. Għadni nipprattika fil-kamra tiegħi, imma ovvjament aġġornajt b'sistema aktar moderna u programmi aħjar. Infittex diski differenti, ninstallahom u neditjahom jew noħloq materjal ġdid. Bdejt ukoll nagħmel *gigs* waqt il-festi. Kont ġejt attirat li nkun DJ għax inħobb il-mużika u r-rwol ta' DJ dejjem affaxxinani. Jinvolvi ħafna paċenzja imma tassew nieħu pjaċir.




*Il-Covid-19 affettwa x-xogħol tiegħi billi ma nistax indoqq fil-klabbs. Nista' indoqq biss mid-dar u ħadt l-inizjattiva li nagħmel sessjonijiet live fuq il-midja soċjali. Din il-pandemija affettwatli ħajti għaliex bħalissa ma nistax noħroġ niltaqa' ma' sħabi.*



**Isem:** Lukas Farrugia
**Età:** 19
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Bdejt naħdem bħala arġentier tliet snin ilu. Qabel kont naħdem matul il-vaganzi tas-sajf imma s-sena li għaddiet waqaft mill-iskola biex inkompli din il-professjoni bħal missieri. Għall-ewwel kont biss ngħinu xi ftit peress li kont għadni żgħir wisq għal dan ix-xogħol. Mill-ftit li kont ngħin lil missieri tgħallimt ħafna biex mbagħad bdejt nitgħallem is-sengħa bis-serjetà. Iktar ma naħdem, iktar inkun irrid nipprova affarijiet ġodda. Ix-xogħol tiegħi beda jitjieb b'mod konsiderevoli, u s-sena l-oħra ddeċidejt li naqleb għal xogħol *full-time*. Naħdem u nipprattika fil-ħanut ta' missieri, fejn ilu jagħmel dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar erbgħin sena.



*Din il-pandemija tal-Covid-19 affettwatni ħafna peress li kellna nagħlqu l-ħanut tagħna. Kemm missieri, ħija u jien tlifna x-xogħol. Waqqafna r-rutina ta' kuljum tagħna li mmorru naħdmu fil-workshop. Ħija u jien tlifna wkoll opportunità li nattendu kors barra. Permezz ta' dan il-kors kont se ninvesti fix-xogħol tiegħi u fl-istess ħin nitgħallem ħafna iktar.*





**Isem:** Giuseppina Galea
**Età:** 22
**Post:** Xagħra
**Bijografija qasira:** Ilni nifforma parti mill-Olimpjadi Speċjali ta' Malta dawn l-aħħar seba' snin. Bdejt nitħarreġ f'Għawdex imbagħad anke ma' atleti Maltin. Għamilt ħafna ħbieb ġodda permezz taż-żewġ gruppi. Wara sentejn ta' taħriġ ġejt imħeġġa nibda t-taħriġ fiċ-ċikliżmu biex nipparteċipa fil-Logħob Olimpiku f'Abu Dhabi. Kienet sfida kbira għalija billi kelli nkun iddixxiplinata ħafna fit-taħriġ tiegħi. Ma kienx vjaġġ faċli imma l-esperjenza f'Abu Dhabi kienet esperjenza tassew fantastika! I kkompetejt fit-*2K Time Trial* li fiha rbaħt midalja tad-deheb, il-*5K Time Trial* u l-*5K Road Race*. Kburija ħafna li rrappreżentajt lil pajjiżi u li ngħatajt il-Midalja ta' Ġieħ ir-Repubblika mill-President ta' Malta.



*Iż-żminijiejt li għaddejjin minnhom bħalissa huma totalment differenti min-normalità li dejjem konna mdorrijin fiha. Madankollu, qed jirnexxieli nitħarreġ mid-dar, xi ħaġa li normalment nagħmel meta t-temp ma jippermettix. Barra minn dan, issa qed nagħmel l-eżerċizzji li kont nagħmel fil-gym mid-dar ukoll. Għandi wkoll taħriġ online mal-ħbieb tiegħi flimkien mal-coach tagħna, hekk kif qed nippreparaw biex nipparteċipaw fil-logħob Olimpiku Speċjali li jmiss. Nispera li din l-isfida pandemika tgħaddi malajr, għalkemm jien ma naqta' qalbi qatt.*



**Isem:** Joseph Grech
**Età:** 18
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Twelidt f'Mejju 2002 u bdejt nitgħallem il-pjanu disa' snin ilu meta kelli tmien snin. Il-mużika kienet dejjem waħda mill-interessi tiegħi u kont nieħu gost indoqq bi strumenti tal-logħob meta kont żgħir. Għal din ir-raġuni bdejt nattendi għal-lezzjonijiet tal-pjanu u tal-mużika u minn dakinhar għamilt diversi eżamijiet. Bħal kull strument mużikali ieħor, il-pjanu jeħtieġ ħafna prattika. Erba' snin ilu bdejt ukoll nitgħallem il-klarinett ma' banda lokali. Apparti l-mużika, il-passjonijiet l-oħra tiegħi jinkludu tpinġija, vjaġġar u tagħlim dwar kulturi differenti.



*Minħabba l-pandemija tal-Covid-19, għandi iżjed ħin li fih nkun nista' indoqq iktar il-pjanu. Għalija personali nħoss li l-mużika tipprovdi serħan miż-żminijiet stressanti li bħalissa qegħdin ngħixu fihom.*



**Isem:** Nicole Portelli
**Età:** 23
**Post:** Kerċem
**Bijografija qasira:** Bdejt niżfen u ndoqq il-pjanu fl-età ta' ħames snin. B'dawn il-passatempi jikbru miegħi matul is-snin, irnexxieli nesplora diversi ġeneri differenti. Sfortunatament, kelli nnaqqas il-ħin li nqatta' ndoqq il-pjanu matul is-snin peress li mort Malta biex inkompli l-istudji tiegħi, iżda ż-żfin dejjem baqa' ma' qalbi u ispirani biex nagħżel il-kors tal-Università li ninsab fih bħalissa. Il-passatempi tiegħi offrewli diversi opportunitajiet matul is-snin, li jiena grata ħafna lejhom. Nieħu ħafna ħin u enerġija biex inlaħħaq ma' dawn il-passatempi, imma kull darba li nitla' fuq il-palk bħala artista, nirrejalizza li s-sagrifiċċji li għamilt ma kienux għalxejn.



*Filwaqt li s-sitwazzjoni attwali tal-Covid-19 hija 'l bogħod mill-idejali, nipprova nħares lejn it-tazza bħala nofsha mimlija f'dawn iż-żminijiet ta' sfida. Irritornajt lura lejn Għawdex u ppruvajt nagħmel l-aħjar użu mill-ħin tiegħi d-dar, fejn fhimt li din kienet opportunità biex nerġa' ndoqq il-pjanu u niżfen. Id-delizzji tiegħi kienu mod tajjeb ħafna biex ikolli waqfa qasira u naħdem fuq l-impenji tiegħi tal-istudju, hekk kif dawn il-waqfiet jerġgħu jagħtuni l-enerġija u jgħenuni nħossni aħjar. Għinuni ningħaqad iktar ma' oħti li għandha wkoll passatempi simili, u qattajna ħafna ħin nesploraw koreografija, żfin u daqq bl-istrumenti tagħna flimkien.*



**Isem:** Emma Portelli
**Età:** 12
**Post:** Kerċem
**Bijografija qasira:** Bdejt nistudja l-mużika u ż-żfin fl-età ta' ħames snin. Kapaċi ndoqq il-pjanu u l-vjolin u anke niżfen il-*ballet* u ż-żfin *jazz*. Jiena nipprattika wkoll *sports* oħra, bħall-*basketball*. Nifforma parti minn grupp ta' vjolinisti żgħażagħ u nipprattikaw flimkien regolarment. Tassew nieħu pjaċir meta jkollna l-opportunità li ndoqqu quddiem udjenza. Għalkemm normalment għandi ħajti pjuttost impenjattiva, u jkolli attivitajiet extra-kurrikulari kuljum, insib li dawn jgħinuni biex nimmaniġġja l-ħin tiegħi bl-aħjar mod u biex immur aħjar fl-iskola.



*Is-sitwazzjoni preżenti tal-Covid-19 wasslitni biex qed nqatta' l-ġurnata kollha ġod-dar. Din mhux xi ħaġa tas-soltu għalija u ħadt ftit ħin mhux ħażin biex nidra. Fortunatament, oħti li bħalissa qed tistudja barra l-pajjiż ġiet lura d-dar u qed tkompli l-istudji tagħha hawnhekk online. Peress li naqsmu delizzji komuni, issa qed inqattgħu l-ġranet tagħna ndoqqu mużika u nipprattikaw iż-żfin flimkien.*



**Isem:** Peter Aquilina
**Età:** 18
**Post:** Nadur
**Bijografija qasira:** Minn età żgħira kont inħobb inpitter, u għalhekk bdejt nattendi l-iskola tal-arti ta' Wistin Camilleri. Komplejt nistudja l-arti f'livelli ordinarju u avvanzat. Bħalissa ħadt interess fl-iskultura tat-tafal u t-tpinġija. Nipprova nsib ħin biex nipprattika u naqra xi artikli relatati.



*Is-sitwazzjoni tal-Covid-19 għenitni nsib iktar ħin biex naħdem fuq aktar xogħlijiet artistiċi li kelli f'moħħi u li kont ilni nfittex il-ħin biex nagħmilhom.*



**Isem:** The Travellers
**Post:** Diversi
**Bijografija qasira:** Oriġinarjament bdew bħala grupp bejn il-ħbieb, The Travellers ingħaqdu flimkien fl-2013 biex jippruvaw joħolqu xi ħaġa differenti fix-xena tal-mużika lokali ta' dak iż-żmien. Il-grupp beda jesperimenta billi jaħdem fuq taħlita ta' mużika kontemporanja filwaqt li jinkorpora r-ram u l-lirika Maltija.

Mingħajr l-ebda werrej u passi xi jsegwu ħargu s-*single* tad-debutt tagħhom "Sempliċità" segwiti minn numru ta' EPs li kollha kemm huma laħqu quċċati lokali kemm fuq ir-radjijiet kif ukoll fuq il-PRS.

Clayton (*Bassist*), Joseph (*Trumpet*), Chris (*Main Vocals*) u Andrew (*Guitarist*), huma l-membri originali li ifformaw il-grupp, filwaqt li Sylvano (*Saxophone*) u Michael (*Drummer*) ingħaqdu mal-bqija tal-grupp aktar 'il quddiem fl-2013.



*Il-Covid-19 kien żmien diffiċli għalina għax ma nistgħux inwettqu l-ebda programm. Peress li għandna iktar ħin fuq idejna iddeċidejna li niffukaw iktar fuq il-kitba tal-kanzunetti tal-album il-ġdid li jmiss tagħna. Dan ippermettilna ntejbu l-kwalità u n-numru ta' diski li stajna nippreżentaw f'dan l-album. Kburin ħafna bix-xogħol li għamilna f'dan il-ħin liberu ġdid, u nittamaw ħafna għall-futur qarib.*

Krediti tar-ritratti:
**Ilbies:** Charles & Ron
**Ritratti:** Carlton Agius
**Xahar:** Hair & Co Studios



**Isem:** Katya Muscat
**Età:** 31
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Bdejt inżejjen il-kejkijiet meta twieldet binti, hekk kif xtaqt nagħmel l-ewwel kejk għaliha f'għeluq sninha. Tant ħadt gost li bqajt nipprattika u ntejjeb dan id-delizzju. Hemm diversi stili li jżejnu l-kejkijiet li ppruvajt u nieħu gost bihom kollha. Madankollu dan l-aħħar kont qed niffoka iktar fuq kejkijiet miksija bil-krema tal-butir. Inħobb kemm il-mod kif jidhru kif ukoll ovvjament it-togħma! Malli nispiċċa dekorazzjoni ta' kejk diġà inkun qed naħseb dwar kif se nżejjen dak li jmiss.



*Matul il-pandemija tal-Covid-19 kelli iktar ħin biex nipprattika. Fil-fatt ħadt l-opportunità biex nirreġistra għall-kors online.*



**Isem:** Ylainia Zammit
**Età:** 25
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Minn dejjem kont interessata fil-fotografija u kull ħaġa oħra relatata magħha. Madankollu, l-interess tiegħi żviluppa aktar meta kelli lil ibni u ridt li nżomm memorji sbieħ li jdumu għal ħajjitna kollha. Ilni nipprattika l-fotografija għal aktar minn 5 snin issa, u dejjem ħerqana biex nitgħallem teknika ġdida. Ippruvajt nesplora tipi differenti ta' fotografija, madankollu r-ritratt dejjem jibqa' il-favorit tiegħi, speċjalment fejn jidhru t-tfal. Huwa ta' sodisfazzjon kbir li tkun taf li n-nies se jkunu qed jgħożżu r-ritratti li tkun ħadtilhom għal żmien twil ħafna.



*Kelli kummissjonijiet ibbukjati minn żmien qabel, li sfortunatament kellhom jiġu kkanċellati minħabba l-Covid-19. Madankollu, xorta ħadt pjaċir nieħu ritratti tal-familja tiegħi stess fid-dar jew waqt mixjiet fil-kampanja. Kienet waqfa meħtieġa, u ħaditni lura lejn l-għeruq tiegħi. Kienet rikordju sabiħ taż-żmien meta bdejt nieħu r-ritratti għall-ewwel darba.*





**Isem:** Daniel Mercieca
**Età:** 25
**Post:** Victoria
**Bijografija qasira:** Minn età żgħira wrejt interess fl-arti. Riċentament spiċċajt l-istudji filosofiċi u teoloġiċi tiegħi f'Ruma. L-interess tiegħi fl-arti kompla jiżviluppa waqt l-istudji tiegħi, peress li l-arti għandha l-poter li tikkomunika messaġġ reliġjuż lin-nies kollha u tista' tintuża bħala triq lejn l-evanġelizzazzjoni. F'Ruma, taħt il-gwida tal-Professur Luca Morelli, studjajt ukoll l-anatomija. Nemmen li x-xbihat sagri huma forma siekta ta' lingwaġġ, li għandhom il-poter li jitkellmu b'leħen għoli, li jmissu r-ruħ ta' nisa u rġiel u jwassluhom lejn Alla. Is-sempliċità u l-kuluri jaġixxu bl-istess mod li l-armonija fil-mużika tmiss is-sentimenti nterni. Nemmen li xbihat sempliċi jkollhom saħħa ikbar biex iwasslu l-essenza tal-messaġġ reliġjuż.



*Irritornajt lura id-dar minn Ruma minħabba l-Covid-19 u daż-żmien ippreżenta opportunita' mhux mistennija li wasslitni għal riflessjoni profonda. It-tkomplija tal-korsijiet universitarji tiegħi permezz tat-tagħlim mid-distanza kienet esperjenza ġdida li ppreżentat sfidi ġodda. Madankollu wara sibt li kelli iktar ħin għalija nnifsi. Waqt il-pandemija kelli ħin biex nesperimenta bil-kuluri u noħloq pitturi ġodda.*



**Isem:** Fabian Azzopardi
**Età:** 30
**Post:** Xewkija
**Bijografija qasira:** Qatt m'inti kbir wisq biex tagħmel it-tajr. Għandi 30 sena, u li nagħmel it-tajr huwa l-passatemp tiegħi. Meta kont iżgħar, missieri, ħuti u jien għamilna ħafna tajriet, u dejjem kont inħossni affaxxinat kull darba li rnexxielna ntajru waħda. Konna nagħmluhom b'mod differenti dak iż-żmien b'karta kannella u kolla magħmula mid-dqiq u l-ilma. Illum il-ġurnata, nagħmluhom aktar ikkuluriti. Kull ma għandek bżonn huma crepe paper, qasab, tejp, imqass u ħajt, u mbagħad kemm ħalli l-kreattività tieħu l-korsa tagħha. Tieħu ħafna ħin biex toħloq tajra waħda biss, imma fl-aħħar, tħossok kburi u kuntent.



*Il-Covid-19 laqatni eżatt bħal maltempata fis-sajf. Qatt f'ħajti ma mmaġinajt ruħi f'sitwazzjoni bħal din. Kelli nieqaf naħdem u kelli ħafna ħin fuq idejja. L-ewwel ħaġa li ġiet f'moħħi kienet it-tajra. Ma stajtx niftakar l-aħħar darba li għamilt tajra; li naf hu li kien ilu żmien twil. Sibt l-affarijiet li kelli bżonn u bdejt nagħmel it-tajr. Kultant ngħid lil missieri biex jgħini hekk kif jirrikjedu ħafna ħin imma fl-istess ħin inqis dan bħala ħin ta' kwalità ma' missieri. Kont insejt kif tħossok meta tagħmel it-tajriet u tassew qed nieħu pjaċir li erġajt dort għal dan il-passatemp. Nota pożittiva tal-Covid-19 hija li tatni ħafna ħin biex nerġa' nipprattika d-delizzju tiegħi.*





**Isem:** Josef Cutajar
**Età:** 24
**Post:** Għajnsielem
**Bijografija qasira:** Dejjem apprezzajt l-interazzjoni man-nies. Dan huwa parzjalment minħabba l-mod kif trabbejt. Il-ġenituri tiegħi kienu miftuħa ħafna għal kulħadd. Din l-interazzjoni nisslet fija passjoni għad-dinja tal-midja b'mod partikolari tal-ġurnaliżmu. Meta kelli madwar tlettax-il sena, kont volontier ma' Radju Lauretana, ir-radju tal-komunità lokali ta' Għajnsielem. Għalkemm kien radju żgħir u limitat kien spazju għalija fejn stajt nesperimenta u nitgħallem mill-iżbalji tiegħi stess. Kien f'dan l-ispazju li tgħallimt li l-ħolm jista' jsir realtà. Bħalissa Għawdex qiegħed ħafna mili l-bogħod minni għax qed naħdem fi Brussell fil-qasam tal-komunikazzjoni. Għalkemm id-dar tista' tgħix komdu, mhux dejjem jirnexxilek tikber u għalhekk nħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jesperjenzaw il-ħajja barra l-pajjiż.



*Kont affettwat ħafna mill-Covid-19. Il-qofol tal-komunikazzjoni hija l-interazzjoni u bħalissa qed ngħixu mumenti rari fejn l-interazzjonijiet jistgħu jkunu fatali. Mhuwiex faċli li tittrasferixxi elementi ta' komunikazzjoni bażiċi permezz ta' webcam sempliċi jew mikrofonu żgħir. Id-dinja tal-aħbarijiet qed tirraporta l-akbar storja tal-ġenerazzjoni tagħna. Madankollu l-industrija tal-ġurnaliżmu tinsab fit-tarf tal-eżistenza minħabba li ħafna reklami waqfu, u dan kien ifisser li ħafna pagi waqfu f'daqqa. Hija problema serja ħafna. Hemm bżonn ta' nies ta' kwalità biex iżommu d-dinja għaddejja. Bil-midja soċjali kulħadd jista' jaqsam il-ħsibijiet tiegħu imma dan mhux dejjem huwa tajjeb peress li ħafna drabi l-informazzjoni żbaljata tinfirex aktar malajr mill-verit*



**Isem:** Daniel Said
**Età:** 28
**Post:** Żebbuġ
**Bijografija qasira:** Bdejt nistudja għall-baċellerat biex insir infermier fl-Università ta' Malta fl-2010 u gradwajt fl-2015 wara li qattajt semestru nistudja f'Firenze, l-Italja. Bdejt il-professjoni tiegħi ta' Infermier fl-*Orthopaedic Ward* fl-Isptar Mater Dei u sentejn wara ġejt trasferit fid-Dipartiment tal-Emerġenza fejn bdejt it-taħriġ tiegħi biex insir infermier tal-kura fl-emerġenza. Il-programm ta' taħriġ ġie konkluż f'nofs l-2019 wara sentejn u nofs. Jien issa nieħu ħsieb kull xorta ta' pazjenti fl-isptar, kemm pazjenti msejħa 'pre-hospital' kif ukoll 'in-hospital'. It-tliet passjonijiet tiegħi fil-ħajja huma l-professjoni tal-infermiera, it-tagħlim u l-ivvjaġġar. Bħala infermier fid-dipartiment tal-Emerġenza, naħseb li għandi x-xorti li nwettaq l-ewwel żewġ passjonijiet tiegħi ta' kuljum permezz tax-xogħol tiegħi. Nivvjaġġa kull meta ma nkunx naħdem.

*F' Marzu, il-pjanijiet kollha għall-2020 ġew abbandunati u kelli nitlaq 'il barra mid-dar tiegħi biex inżomm lill-familja tiegħi sigura mit-trażmissjoni mhux intenzjonata tal-COVID-19. Waqt ix-xogħol, il-proċeduri u l-protokolli tal-kontroll tal-infezzjonijiet ġew imsaħħa u aġġornati kuljum. Il-livelli ta' tensjoni fuq ix-xogħol żdiedu minħabba ż-żieda fil-piż fiżiku minħabba s-saffi żejda ta' tagħmir protettiv personali li kellna nilbsu kif ukoll minħabba l-istress emozzjonali. L-appoġġ li rċevejt mill-komunità Maltija tana l-qawwa li nkomplu f'dawn iż-żminijiet diffiċli u għal darb'oħra kien xhieda tas-solidarjetà li l-Maltin huma magħrufin għaliha.*



**Aġenzija Żgħażagħ**
St Joseph High Road, St Venera SVR 1013, Malta
**Tel:** 00356 2258 6700 | **Email:** agenzija.zghazagh@gov.mt | youth.gov.mt



IS-SEGRETARJAT GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
SPORT U L-GĦAQDIET TAL-VOLONTARIAT